REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2170

tas-27 ta' Settembru 2019

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2015/2195 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew, fir-rigward tad-definizzjoni tal-iskali standard ta' spejjeż għal kull unità u s-somom f'daqqa għal rimborż tan-nefqa mill-Kummissjoni lill-Istati Membri

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006 ([1]), b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Billi:

(1) Bl-għan li jiġi ssimplifikat l-użu tal-Fond Soċjali Ewropew ("l-FSE") u li jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-benefiċjarji, huwa xieraq li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-iskali standard tal-ispejjeż għal kull unità (fil-qosor: spejjeż unitarji) u somom f'daqqa disponibbli għar-rimborż lill-Istati Membri. Jenħtieġ li l-iskali standard tal-ispejjeż għal kull unità u s-somom f'daqqa għar-rimborż lill-Istati Membri jiġu stabbiliti abbażi tad-data mressqa mill-Istati Membri jew ippubblikata mill-Eurostat u abbażi tal-metodi miftiehma b'mod komuni, fosthom il-metodi stabbiliti fl-Artikolu 67(5) u fl-Artikolu 68b(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(2) Jekk wieħed iqis id-differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-livell tal-ispejjeż għal tip ta' operazzjoni partikolari, id-definizzjoni u l-ammonti tal-iskali standard tal-ispejjeż għal kull unità u tas-somom f'daqqa jaf ivarjaw skont it-tip ta' operazzjoni u skont l-Istat Membru kkonċernat biex jirriflettu l-ispeċifiċitajiet tagħhom.

(3) Franza, iċ-Ċekja, Malta, l-Italja, is-Slovakkja, in-Netherlands, ir-Rumanija, Ċipru, l-Irlanda u l-Portugall issottomettew metodi jew għall-emenda tal-iskali standard tal-ispejjeż għal kull unità eżistenti, jew biex jiġu ddefiniti skali standard tal-ispejjeż għal kull unità addizzjonali għar-rimborż mill-Kummissjoni fir-rigward tat-tipi ta' operazzjonijiet li għadhom ma ġewx koperti mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2195 ([3]).

(4) l-Irlanda u Franza ssottomettew metodu għad-definizzjoni tas-somom f'daqqa.

(5) Għall-ispejjeż unitarji relatati mal-operazzjonijiet li jappoġġaw l-edukazzjoni u applikabbli għall-Istati Membri kollha minbarra d-Danimarka, l-ammonti għandhom jiġu aġġornati f'konformità mal-aħħar *data* disponibbli mill-Eurostat. Barra minn hekk, għandhom jiġu introdotti rati ta' kull xahar għall-operazzjonijiet fl-edukazzjoni bikrija tat-tfal u fl-edukazzjoni ta' qabel il-primarja (ISCED livell ED0, ED01 u ED02).

(6) Għalhekk ir-Regolament Delegat (UE) 2015/2195 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2195 tad-9 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew, fir-rigward tad-definizzjoni tal-iskali standard ta' spejjeż għal kull unità u s-somom f'daqqa għal rimborż tan-nefqa mill-Kummissjoni lill-Istati Membri (ĠU L 313, 28.11.2015, p. 22).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2015/2195 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Anness II huwa sostitwit bit-test tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(2) L-Anness III huwa sostitwit bit-test tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

(3) L-Anness V huwa sostitwit bit-test fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

(4) L-Anness VI huwa sostitwit bit-test tal-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

(5) L-Anness VII huwa sostitwit bit-test tal-Anness V ta' dan ir-Regolament.

(6) L-Anness IX huwa sostitwit bit-test tal-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

(7) L-Anness XIII huwa sostitwit bit-test tal-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

(8) L-Anness XIV huwa sostitwit bit-test tal-Anness VIII ta' dan ir-Regolament.

(9) L-Anness XV huwa sostitwit bit-test tal-Anness IX ta' dan ir-Regolament.

(10) L-Anness XVII huwa sostitwit bit-test tal-Anness X ta' dan ir-Regolament.

(11) It-test tal-Anness XI għal dan ir-Regolament jiddaħħal bħala Anness XXI.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Settembru 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNESS I

"ANNESS II

Kundizzjonijiet għar-rimborż tan-nefqa abbażi ta' tabelli standard ta' kostijiet unitarji u somom f'daqqa lil Franza

1. **Definizzjoni ta' tabelli standard ta' kostijiet unitarji**

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-kostijiet	Unità ta' kejl għall-indikatur	Ammonti (f'EUR)		
1. "Garantie Jeunes" appoġġata taħt l-assi prijoritarju 1 "Accompagner les jeunes NEET vers et dans l'emploi" tal-programm operazzjonali "PROGRAMME OPÉRATIONNEL NATIONAL POUR LA MISE EN ŒUVRE DE L'INITIATIVE POUR L'EMPLOI DES JEUNES EN METROPOLE ET OUTRE-MER" (CCI-2014FR05M9OP001)	Iż-żgħażagħ NEET ([1]) li jkunu kisbu riżultat pożittiv fil-qafas tal-"Garantie jeunes" sa mhux aktar tard minn 12-il xahar wara l-bidu tal-ikkowċjar	— l-allowances imħallsa lill-parteċipant; — il-kostijiet ta' attivazzjoni mġarrba mill-"missions locales"	L-għadd ta' żgħażagħ NEET li jkunu kisbu wieħed mir-riżultati li ġejjin sa mhux aktar tard minn 12-il xahar wara l-bidu tal-ikkowċjar: — ikunu bdew taħriġ f'ħiliet vokazzjonali li jwassal għal ċertifikazzjoni, billi: — ikunu bdew taħriġ fit-tagħlim tul il-ħajja; jew — ikunu bdew taħriġ bażiku; jew — ikunu waqqfu kumpanija; jew — ikunu sabu impjieg; jew — ikunu għamlu mill-anqas 80 jum ta' xogħol f'ambjent professjonali (bi ħlas jew le)	6 400		
2. Taħriġ għall-persuni qiegħda pprovdut minn organizzazzjonijiet tat-taħriġ akkreditati u appoġġat mill-Programm Operazzjonali Ile-de-France (CCI 2014FR05M0OP001)	Il-parteċipanti b'eżitu ta' suċċess wara kors ta' taħriġ.	Il-kostijiet kollha eliġibbli tal-operazzjoni.	L-għadd ta' parteċipanti b'wieħed mill-eżiti li ġejjin wara kors ta' taħriġ: — irċevew diploma jew konferma tal-kompetenzi miksuba fi tmiem il-kors ta' taħriġ tagħhom; — sabu impjieg b'durata mill-anqas ta' xahar; — inkitbu għal kors ta' taħriġ professjonali ulterjuri; — inkitbu mill-ġdid fil-kurrikulu tal-iskola preċedenti tagħhom wara interruzzjoni; jew — kisbu aċċess għal proċess ta' validazzjoni formali tal-kompetenzi miksuba tagħhom.	Kategorija	Settur	Ammont
				1	Kura tas-saħħa	3 931
					Sigurtà tal-oġġetti u n-nies	
				2	Attivitajiet kulturali, sportivi u ta' divertiment	4 556
					Servizzi għan-nies	
					Immaniġġar ta' materjali rotob	
					Agroalimentari, tisjir	
					Kummerċ u bejgħ	

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-kostijiet	Unità ta' kejl għall-indikatur	Ammonti (f'EUR)		
			Jekk parteċipant jikseb aktar minn eżitu ta' suċċess wieħed wara l-kors ta' taħriġ tiegħu, dan għandu jwassal biss għar-rimborż ta' ammont wieħed għal dak it-taħriġ.		Ospitalità, industrija tal-lukandi, catering	
					Saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol	
				3	Taħriġ segretarjali u tal-awtomatizzazzjoni tal-uffiċċju	5 695
					Ħidma soċjali	
					Elettronika	
					Kura tax-xagħar, sbuħija u benesseri	
					Manutenzjoni ta' vetturi u tagħmir	
					Trasport, immaniġġar, ħażna	
				4	Agrikoltura	7 054
					Ambjent	
					Bini u xogħlijiet pubbliċi	
					Tekniki ta' stampar u pubblikazzjoni	
3. Taħriġ għall-persuni qiegħda pprovdut minn organizzazzjonijiet tat-taħriġ akkreditati u appoġġat mill-Programmi Operazzjonali li ġejjin: Rhône-Alpes (CCI 2014FR16M2OP010) u Auvergne (CCI 2014FR16M0OP002)	Il-parteċipanti b'eżitu ta' suċċess wara kors ta' taħriġ.	Il-kostijiet kollha eliġibbli tal-operazzjoni.	L-għadd ta' parteċipanti b'wieħed mill-eżiti li ġejjin wara kors ta' taħriġ: — irċevew diploma rikonoxxuta b'mod uffiċjali minn organizzazzjoni ta' rappreżentazzjoni professjonali jew uffiċċju tal-gvern; — irċevew konferma tal-kompetenzi miksuba fi tmiem il-kors ta' taħriġ tagħhom; — ikunu sabu impjieg; — inkitbu għal kors ta' taħriġ professjonali ulterjuri; — inkitbu mill-ġdid fil-kurrikulu tal-iskola preċedenti tagħhom wara interruzzjoni; jew	Kategorija	Settur	Ammont
				1	Trasport, loġistika u turiżmu	4 403
					Ibbankjar, assigurazzjoni	
					Maniġment, amministrazzjoni kummerċjali, ħolqien ta' intrapriżi	
					Servizzi għal individwi u komunitajiet	
				2	Saħħa u ħidma soċjali, attivitajiet rikreattivi, kulturali u sportivi	5 214

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-kostijiet	Unità ta' kejl għall-indikatur	Ammonti (f'EUR)		
			— kisbu aċċess għal proċess ta' validazzjoni formali tal-kompetenzi miksuba tagħhom. Barra minn hekk, għall-Kategorija 5, l-għadd ta' parteċipanti b'eżitu pożittiv kif deskritt hawn fuq li jkunu intitolati li jirċievu allowance mir-Reġjun ta' Auvergne-Rhône-Alpes. Jekk parteċipant jikseb aktar minn eżitu ta' suċċess wieħed wara l-kors ta' taħriġ tiegħu, dan għandu jwassal biss għar-rimborż ta' ammont wieħed għal dak it-taħriġ.		Industriji tar-ristoranti, tal-lukandi u tal-ikel	
					Kummerċ	
					Immaniġġar ta' materjali rotob u injam; industriji tal-grafika	
				3	Bini u xogħlijiet pubbliċi	7 853
					Industriji tal-proċessi	
					Mekkanika, xogħol tal-metall	
					Agrikoltura, sajd	
					Komunikazzjoni, informazzjoni, arti u divertiment	
				4	Manutenzjoni	9 605
					Elettriku, elettronika	
					IT u telekomunikazzjoni	
				5	Allowances	2 259
4. Taħriġ ta' Kwalifika u Professjonali taħt il-Programm Operazzjonali "ESF La Réunion" (CCI 2014FR05SFOP005) — assi prijoritarju 1. Promozzjoni tal-iżvilupp ta' soċjetà kompetittiva u innovattiva, imsejsa fuq l-għarfien.	Forniment ta' taħriġ li jwassal għal kwalifika, ħiliet jew ċertifikazzjoni	Il-kostijiet kollha eliġibbli tal-operazzjoni.	L-għadd ta' xhur ta' taħriġ ta' kwalifika u professjonali għal kull parteċipant, inklużi x-xhur fiċ-ċentru ta' taħriġ u fi ħdan kumpanija.	Catégorie A1: 3 131 Catégorie B1: 4 277 Catégorie C1: 2 763 Catégorie D1: 2 470 Catégorie D2: 2 332 Catégorie D3: 3 465 Catégorie E1: 2 841 Catégorie E2: 3 392 Catégorie E3: 2 569 Catégorie F1: 2 319 Catégorie F2: 2 990 Catégorie F3: 2 910 Catégorie: 2 381		

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-kostijiet	Unità ta' kejl għall-indikatur	Ammonti (f'EUR)		
5. Taħriġ Vokazzjonali ta' Prekwalifika għall-Adulti taħt il-Programm Operazzjonali ESF La Réunion (CCI 2014FR05SFOP005) — assi prijoritarju 1. Promozzjoni tal-iżvilupp ta' soċjetà kompetittiva u innovattiva, imsejsa fuq l-għarfien.	Forniment ta' taħriġ vokazzjonali li jwassal għall-aċċess għal taħriġ ta' kwalifika.	Il-kostijiet kollha eliġibbli tal-operazzjoni.	L-għadd ta' xhur għal kull parteċipant f'taħriġ ta' prekwalifika b'durata massima ta' 5 xhur.	Catégorie H1: 2 805		
6. Taħriġ vokazzjonali ta' kwalifika-ċertifikazzjoni permezz ta' akkwist pubbliku taħt il-Programm Operazzjonali tal-FSE ta' La Réunion (CCI 2014FR05SFOP005) — Assi Prijoritarju 1: Promozzjoni tal-iżvilupp ta' soċjetà kompetittiva u innovattiva, imsejsa fuq l-għarfien. — Assi Prijoritarju 2: Appoġġ tal-aċċess għall-impjiegi permezz tal-iżvilupp tal-ħiliet u tal-mobbiltà — Assi Prijoritarju 3: Promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar billi jissaħħu t-taħriġ u l-appoġġ pubbliku	Il-parteċipanti li temmew b'suċċess taħriġ professjonali individwali.	Il-kostijiet kollha eliġibbli tal-operazzjoni.	L-għadd ta' parteċipanti li kisbu kwalifika/ċertifikazzjoni rikonoxxuta fi żmien 4 xhur mit-tmiem tat-taħriġ	**Catégorie**	**Niveau**	**Coût d'unité d'oeuvre**
				A	III	17 509,80
				B	IV	14 908,87
				C	V	13 847,37
				D	VI	9 562,39
7. Taħriġ vokazzjonali gradwat dwar is-saħħa taħt il-Programm Operazzjonali tal-FSE ta' La Réunion (CCI 2014FR05SFOP005) — Assi Prijoritarju 1: Promozzjoni tal-iżvilupp ta' soċjetà kompetittiva u innovattiva, imsejsa fuq l-għarfien.	Il-parteċipanti li temmew b'suċċess it-taħriġ vokazzjonali dwar is-saħħa ([2]).	Il-kostijiet kollha eliġibbli tal-operazzjoni	L-għadd ta' parteċipanti li temmew b'suċċess is-sena ta' taħriġ tagħhom (billi għaddew għal sena ogħla jew iggradwaw).		Kodiċi	Ammont (valur 2017)
				Diploma Statali ta' indokratur		
				Inizjali	AS-INIT	6 150,99
				Parzjali	AS-PART	3 444,55
				Diploma Statali ta' infermier		
				Sena 1	IFSI-A1	9 038,52
				Sena 2	IFSI-A2	7 341,99
				Sena 3	IFSI-A3	5 620,57

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-kostijiet	Unità ta' kejl għall-indikatur	Ammonti (f'EUR)		
				Diploma Statali ta' qabla		
				Sena 1	FSE-A1	15 752,29
				Sena 2	FSE-A2	9 878,55
				Sena 3	FSE-A3	11 038,54
				Sena 4	FSE-A4	5 318,95
				Diploma Statali ta' xufier ta' ambulanza	IFA-AMB	5 886,73
				Diploma Statali ta' Assistent ta' Indokratur tat-Tfal	IFAP	8 102,58
				Diploma Statali ta' Indokratur tat-Tfal	PE	12 173,43
				Diploma Statali ta' Terapista Okkupazzjonali		
				Sena 1	IRFE-A1	12 570,94
				Sena 2	IRFE-A2	7 557,72
				Sena 3	IRFE-A3	6 611,51
				Diploma Statali ta' fiżjoterapija u massaġġi		
				Sena 1	IFMK-A1	5 761,21
				Sena 2	IFMK-A2	4 638,97
				Sena 3	IFMK-A3	4 783,31
				Sena 4	IFMK-A4	4 493,41
				Diploma mill-Istat ta' speċjalista psikomotorju		
				Sena 1	IRFP-A1	9 504,44
				Sena 2	IRFP-A2	8 650,03
				Sena 3	IRFP-A3	6 008,29

(1) Żagħżugħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ li jipparteċipa f'operazzjoni appoġġata mill-"PROGRAMME OPÉRATIONNEL NATIONAL POUR LA MISE EN ŒUVRE DE L'INITIATIVE POUR L'EMPLOI DES JEUNES EN METROPOLE ET OUTRE-MER"

(2) Id-diploma tista' tinkiseb fi żmien 13-il xahar wara t-tmiem tat-taħriġ, sakemm jiġu offruti sessjonijiet ta' rimedju lill-istudenti.

2. **Aġġustament tal-ammonti**

L-ammont tal-kost unitarju 1. huwa bbażat parzjalment fuq tabella standard ta' kostijiet unitarji ffinanzjati kompletament minn Franza. Mis-EUR 6 400, EUR 1 600 jikkorrispondu għat-tabella standard ta' kostijiet unitarji stabbilita mill-"instruction ministérielle du 11 octobre 2013 relative à l'expérimentation Garantie Jeunes prise pour l'application du décret 2013-80 du 1er octobre 2013 ainsi que par l'instruction ministérielle du 20 mars 2014" biex tkopri l-kostijiet imġarrba mill-"Missions Locales" tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjieg għaż-Żgħażagħ biex jikkowċjaw lil kull NEET li jibda l-"Garantie Jeunes".

Il-kost unitarju 1. għandu jiġi aġġornat mill-Istat Membru f'konformità mal-aġġustamenti skont ir-regoli nazzjonali tat-tabella standard ta' kost unitarju ta' EUR 1 600 imsemmija fil-paragrafu 1 hawn fuq li tkopri l-kostijiet imġarrba mis-Servizzi Pubbliċi tal-Impjieg għaż-Żgħażagħ.

L-ammont tal-kostijiet unitarji 2. u 3. huma bbażati fuq prezzijiet akkwistati pubblikament għas-sigħat ta' taħriġ fil-kampijiet u fiż-żoni ġeografiċi rispettivi. Dawn l-ammonti jiġu aġġustati meta l-proċess ta' akkwist għall-korstijiet ta' taħriġ sottostanti jiġi ripetut skont il-formula li ġejja:

Prezz ġdid (minbarra l-VAT) = Prezz antik (minbarra l-VAT) × (0,5 + 0,5 × Sr/So)

Sr huwa l-indiċi tal-persuni impjegati INSEE (identifikatur 1567446) tal-aktar pubblikazzjoni riċenti ta' kull xahar fid-*data* tal-aġġustament

So huwa l-indiċi tal-persuni impjegati INSEE (identifikatur 1567446) tal-pubblikazzjoni ta' kull xahar fid-data tas-sottomissjoni tal-offerta għall-ewwel aġġustament u mbagħad, għall-aġġustamenti ta' wara, tal-pubblikazzjoni ta' kull xahar tad-data tal-anniversarju tas-sottomissjoni tal-offerta

L-ammonti tal-kostijiet unitarji 4, 5 u 7 jistgħu jiġu aġġustati abbażi tar-rata tal-inflazzjoni ta' Reunion (indiċi INSEE) — is-sena ta' referenza 2017.

L-ammonti għall-kostijiet unitarji 6 jistgħu jiġu aġġustati skont il-mekkaniżmu ta' reviżjoni tal-prezzijiet f'każ ta' tiġdid tal-offerta tar-Reġjun ta' Reunion. L-ammonti tat-tabelli jiġu aġġornati kull sena, mill-1 ta' Jannar N abbażi tal-aħħar indiċi magħruf, skont il-formula li ġejja:

Formula tar-reviżjoni tal-iskala: B–B0 (Im/I0)

B — l-ammont tal-iskala N riveduta

B0 — l-ammont tat-tabella inizjali (N-1).

I0 — il-valur ta' referenza, l-aħħar valur magħruf tal-indiċi SYNTEC fl-1 ta' Jannar, N-1

Im — I0 — 12-il xahar

Il-kalkoli intermedji jitwettqu b'erba' postijiet deċimali, l-iskala tinkludi żewġ deċimali u l-koeffiċjenti applikabbli għall-P0 arrotondat, jekk ikun hemm fl-ogħla wieħed minn kull elf.

L-iskala BSCU magħżula hija l-valur tal-2017. Is-sena ta' referenza għalhekk hija l-2017 bħala punt tal-bidu għall-indiċjar.

L-indiċjar japplika għall-korsijiet li bdew fis-sena N.

3. **Definizzjoni tas-somom f'daqqa**

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-kostijiet	Unità ta' kejl għall-indikatur	Ammonti (f'EUR)
Assistenza teknika Assi Prijoritarju 4 2014FR05SFOP001 PO FSE Assi Prijoritarju 2 2014FR05M9OP001 PO YEI	In-nefqa totali ġdida inkluża f'talba għall-ħlas. (jiġifieri n-nefqa eliġibbli totali inkluża f'talba għall-ħlas li tkun għadha ma ġietx ikkunsidrata għall-kalkolu ta' ħlas parzjali ta' EUR 100 000).	Il-kostijiet kollha eliġibbli.	~~H~~lasijiet parzjali ta' EUR 100 000 min-nefqa totali ġdida inkluża f'talba għall-ħlas ippreżentata lill-Kummissjoni Ewropea sakemm jintlaħaq l-ammont massimu bbaġitjat taħt l-assi prijoritarju tal-assistenza teknika.	3716,64"

ANNESS II

"ANNESS III

Kundizzjonijiet għar-rimborż tan-nefqa abbażi ta' tabelli standard ta' kostijiet unitarji liċ-Ċekja

1. **Definizzjoni ta' tabelli standard ta' kostijiet unitarji**

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-kostijiet ([1])	Unità ta' kejl għall-indikatur	Ammonti (fil-munità nazzjonali CZK sakemm ma jkunx imsemmi mod ieħor)
1. L-istabbiliment ta' faċilità ġdida għall-indukrar tat-tfal taħt l-Assi Prijoritarju 1tal-Programm Operazzjonali dwar l-Impjiegi (2014CZ05M9OP001) u l-Assi Prijoritarju 4 tal-Programm Operazzjonali tal-Pilastru tat-Tkabbir Ekonomiku ta' Praga (2014CZ16M2OP001)	Post maħluq reċentement f'faċilità ġdida għall-indukrar tat-tfal	— ix-xiri ta' tagħmir għal faċilità għall-indukrar tat-tfal; — il-ġestjoni ta' fażi tal-proġett iffukata fuq il-ħolqien tal-faċilità.	L-għadd ta' postijiet maħluqa reċentement f'faċilità ġdida għall-indukrar tat-tfal ([2])	20 544 bil-VAT, jew, 17 451 mingħajr VAT
2. Trasformazzjoni ta' faċilità eżistenti għal grupp tat-tfal taħt l-Assi Prijoritarju 1 tal-Programm Operazzjonali dwar l-Impjiegi (2014CZ05M9OP001) u l-Assi Prijoritarju 4 tal-Programm Operazzjonali tal-Pilastru tat-Tkabbir Ekonomiku ta' Praga (2014CZ16M2OP001)	Post trasformat għal grupp tat-tfal ([3])	— ix-xiri ta' tagħmir għal faċilità trasformata; — ix-xiri ta' materjal pedagoġiku; — il-ġestjoni ta' fażi tal-proġett iffukata fuq it-trasformazzjoni tal-faċilità	L-għadd ta' postijiet trasformati fi grupp tat-tfal ([4])	9 891 bil-VAT, jew 8 642 mingħajr VAT
3. L-operat ta' faċilità għall-indukrar tat-tfal taħt l-Assi Prijoritarju 1 tal-Programm Operazzjonali dwar l-Impjiegi (2014CZ05M9OP001) u l-Assi Prijoritarju 4 tal-Programm Operazzjonali tal-Pilastru tat-Tkabbir Ekonomiku ta' Praga (2014CZ16M2OP001)	Okkupanza għal kull post f'faċilità għall-indukrar tat-tfal	— is-salarji tal-għalliema u tal-persunal l-ieħor, — l-operat tal-faċilità għall-indukrar tat-tfal, — il-ġestjoni tal-operat	Rata ta' okkupanza ([5])	730 ([6])

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-kostijiet (1)	Unità ta' kejl għall-indikatur	Ammonti (fil-munità nazzjonali CZK sakemm ma jkunx imsemmi mod ieħor)
4. Titjib tal-ħiliet tal-indokraturi tat-tfal taħt l-Assi Prijoritarju 1 tal-Programm Operazzjonali dwar l-Impjiegi (2014CZ05M9OP001) u l-Assi Prijoritarju 4 tal-Programm Operazzjonali tal-Pilastru tat-Tkabbir Ekonomiku ta' Praga (2014CZ16M2OP001)	Ksib ta' kwalifika bħala indokatur tat-tfal f'faċilità għall-indukrar tat-tfal	— taħriġ u eżami għal kwalifika professjonali	L-għadd ta' persuni li jiksbu ċertifikazzjoni ta' kwalifika professjonali bħala indokratur f'faċilità għall-indukrar tat-tfal	14 760
5. Kiri tal-bini għal faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal taħt l-Assi Prijoritarju 1 tal-Programm Operazzjonali dwar l-Impjiegi (2014CZ05M9OP001) u l-Assi Prijoritarju 4 tal-Programm Operazzjonali tal-Pilastru tat-Tkabbir Ekonomiku ta' Praga (2014CZ16M2OP001)	Okkupanza għal kull post f'faċilità għall-indukrar tat-tfal	— Kiri tal-bini għal faċilità għall-indukrar tat-tfal	Rata ta' okkupanza (7).	64 (8)
6. Aktar taħriġ professjonali estern tal-impjegati taħt l-Assi Prijoritarju 1 tal-Programm Operazzjonali dwar l-Impjiegi, (2014CZ05M9OP001)	Siegħa (60 minuta) ta' parteċipazzjoni ta' impjegat f'kors ta' taħriġ estern dwar it-teknoloġiji tal-informazzjoni (IT) ġenerali	Il-kostijiet kollha eliġibbli, inklużi: — Il-kostijiet diretti tal-għoti tat-taħriġ; — Il-kostijiet indiretti; — Il-pagi għall-parteċipanti.	L-għadd ta' sigħat imwettqa għal kull impjegat.	324
7. Aktar taħriġ professjonali estern tal-impjegati taħt l-Assi Prijoritarju 1 tal-Programm Operazzjonali dwar l-Impjiegi (2014CZ05M9OP001)	Siegħa (60 minuta) ta' parteċipazzjoni ta' impjegat f'kors ta' taħriġ estern dwar il-ħiliet personali u l-ħiliet maniġerjali	Il-kostijiet kollha eliġibbli, inklużi: — Il-kostijiet diretti tal-għoti tat-taħriġ; — Il-kostijiet indiretti; — Il-pagi għall-parteċipanti.	L-għadd ta' sigħat imwettqa għal kull impjegat.	593

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-kostijiet (1)	Unità ta' kejl għall-indikatur	Ammonti (fil-munità nazzjonali CZK sakemm ma jkunx imsemmi mod ieħor)
8. Aktar taħriġ professjonali estern tal-impjegati taħt l-Assi Prijoritarju 1 tal-Programm Operazzjonali dwar l-Impjiegi (2014CZ05M9OP001)	Siegħa (60 minuta) ta' parteċipazzjoni ta' impjegat f'korsijiet ta' taħriġ estern fil-lingwi	Il-kostijiet kollha eliġibbli, inklużi: — Il-kostijiet diretti tal-għoti tat-taħriġ; — Il-kostijiet indiretti; — Il-pagi għall-parteċipanti.	L-għadd ta' sigħat imwettqa għal kull impjegat	230
9. Aktar taħriġ professjonali estern tal-impjegati taħt l-Assi Prijoritarju 1 tal-Programm Operazzjonali dwar l-Impjiegi (2014CZ05M9OP001)	Siegħa (60 minuta) ta' parteċipazzjoni ta' impjegat f'kors ta' taħriġ f'IT speċjalizzat	Il-kostijiet kollha eliġibbli, inklużi: — Il-kostijiet diretti tal-għoti tat-taħriġ; — Il-kostijiet indiretti; — Il-pagi għall-parteċipanti.	L-għadd ta' sigħat imwettqa għal kull impjegat	609
10. Aktar taħriġ professjonali estern tal-impjegati taħt l-Assi Prijoritarju 1 tal-Programm Operazzjonali dwar l-Impjiegi (2014CZ05M9OP001)	Siegħa (60 minuta) ta' parteċipazzjoni ta' impjegat f'kors ta' taħriġ estern fil-kontabbiltà, fl-ekonomija u fil-liġi	Il-kostijiet kollha eliġibbli, inklużi: — Il-kostijiet diretti tal-għoti tat-taħriġ; — Il-kostijiet indiretti; — Il-pagi għall-parteċipanti.	L-għadd ta' sigħat imwettqa għal kull impjegat	436
11. Aktar taħriġ professjonali estern tal-impjegati taħt l-Assi Prijoritarju 1 tal-Programm Operazzjonali dwar l-Impjiegi (2014CZ05M9OP001)	Siegħa (60 minuta) ta' parteċipazzjoni ta' impjegat f'kors ta' taħriġ estern tekniku u taħriġ professjonali ieħor	Il-kostijiet kollha eliġibbli, inklużi: — Il-kostijiet diretti tal-għoti tat-taħriġ; — Il-kostijiet indiretti; — Il-pagi għall-parteċipanti.	L-għadd ta' sigħat imwettqa għal kull impjegat	252

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-kostijiet (1)	Unità ta' kejl għall-indikatur	Ammonti (fil-munità nazzjonali CZK sakemm ma jkunx imsemmi mod ieħor)
12. Aktar taħriġ professjonali intern (9) tal-impjegati taħt l-Assi Prijoritarju 1 tal-Programm Operazzjonali dwar l-Impjiegi (2014CZ05M9OP001)	Siegħa (60 minuta) ta' parteċipazzjoni ta' impjegat f'kors ta' taħriġ mogħti minn ħarrieġ intern f'xi wieħed mill-oqsma li ġejjin: — it-teknoloġiji tal-informazzjoni (IT) ġenerali — il-ħiliet personali u maniġerjali — il-lingwi — IT speċjalizzat — il-kontabbiltà, l-ekonomija u l-liġi — tekniku u professjonali ieħor.	Il-kostijiet kollha eliġibbli, inklużi: — Il-kostijiet diretti tal-persunal; — Il-kostijiet indiretti; — Il-pagi għall-parteċipanti.	L-għadd ta' sigħat imwettqa għal kull impjegat	144
13. Appoġġ mogħti minn persunal mhux permanenti fi skola/faċilità edukattiva taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	0,1 ekwivalenti għall-full time (FTE) maħduma bħala psikologu edukattiv u/jew pedagogu tal-iskola speċjalizzat kull xahar	Il-kostijiet kollha eliġibbli, inklużi l-kostijiet diretti tal-persunal	L-għadd ta' 0,1 FTE maħduma kull xahar	5 871
14. Appoġġ mogħti minn persunal mhux permanenti fi skola/faċilità edukattiva taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	0,1 FTE maħduma minn assistent fi skola u/jew pedagogu soċjali kull xahar.	Il-kostijiet kollha eliġibbli, inklużi l-kostijiet diretti tal-persunal	L-għadd ta' 0,1 FTE maħduma kull xahar	Assistent fi skola: 3 617 Pedagogu soċjali 4 849

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-kostijiet (1)	Unità ta' kejl għall-indikatur	Ammonti (fil-munità nazzjonali CZK sakemm ma jkunx imsemmi mod ieħor)
15. Appoġġ mogħti minn persunal mhux permanenti fi skola/faċilità edukattiva taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	0,1 FTE maħduma minn nanny kull xahar	Il-kostijiet kollha eliġibbli, inklużi l-kostijiet diretti tal-persunal.	L-għadd ta' 0,1 FTE maħduma kull xahar	3 402
16. Provvista ta' attivitajiet extrakurrikulari għat-tfal/studenti f'riskju ta' falliment fl-iskola taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001) u l-Assi Prijoritarju 4 tal-Programm Operazzjonali tal-Pilastru tat-Tkabbir Ekonomiku ta' Praga (2014CZ16M2OP001)	Provvista ta' sett ta' 16-il lezzjoni ta' attivitajiet extrakurrikulari b'durata ta' 90 minuta għal kull lezzjoni mogħtija lil grupp ta' mill-anqas 6 itfal/studenti li 2 minnhom ikunu f'riskju ta' falliment fl-iskola.	Il-kostijiet kollha eliġibbli, inklużi l-kostijiet diretti tal-persunal.	L-għadd ta' settijiet imwettqa ta' 16-il lezzjoni b'durata ta' 90 minuta għal kull lezzjoni mogħtija lil grupp ta' mill-anqas 6 itfal/studenti li tnejn minnhom ikunu f'riskju ta' falliment fl-iskola.	17 833
17. Appoġġ lil studenti f'riskju ta' falliment fl-iskola permezz ta' tutoraġġ taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001) u l-Assi Prijoritarju 4 tal-Programm Operazzjonali tal-Pilastru tat-Tkabbir Ekonomiku ta' Praga (2014CZ16M2OP001)	Provvista ta' sett ta' 16-il siegħa ta' tutoraġġ lil grupp ta' mill-anqas 3 studenti rreġistrati f'riskju ta' falliment fl-iskola.	Il-kostijiet kollha eliġibbli, inklużi l-kostijiet diretti tal-persunal	L-għadd ta' settijiet imwettqa ta' 16-il siegħa mogħtija lil grupp ta' mill-anqas 3 studenti f'riskju ta' falliment fl-iskola.	8 917

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-kostijiet (1)	Unità ta' kejl għall-indikatur	Ammonti (fil-munità nazzjonali CZK sakemm ma jkunx imsemmi mod ieħor)
18. Żvilupp professjonali tal-pedagogi permezz ta' korsijiet ta' taħriġ strutturat taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001) u l-Assi Prijoritarju 4 tal-Programm Operazzjonali tal-Pilastru tat-Tkabbir Ekonomiku ta' Praga (2014CZ16M2OP001)	Sigħat ta' taħriġ professjonali mogħtija lill-pedagogi.	Il-kostijiet kollha eliġibbli, inklużi l-kostijiet diretti tal-għoti tat-taħriġ.	L-għadd ta' sigħat imwettqa ta' taħriġ għal kull pedagogu	1) 435 għat-taħriġ fil-ħin regolari tal-lezzjonijiet 2) 170 għat-taħriġ barra l-ħin regolari tal-lezzjonijiet
19. Għoti ta' informazzjoni lill-ġenituri permezz ta' laqgħat taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001) u l-Assi Prijoritarju 4 tal-Programm Operazzjonali tal-Pilastru tat-Tkabbir Ekonomiku ta' Praga (2014CZ16M2OP001)	Laqgħa tematika b'minimu ta' tmien ġenituri għal durata minima ta' sagħtejn (120 minuta).	Il-kostijiet kollha eliġibbli, inklużi l-kostijiet diretti tal-persunal.	L-għadd ta' laqgħat tematiċi b'minimu ta' tmien ġenituri għal durata minima ta' sagħtejn (120 minuta)	3 872
20. Żvilupp professjonali tal-pedagogi fl-iskejjel u fil-faċilitajiet edukattivi taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	Sett ta' 30 siegħa ta' mentoraġġ/ikkowċjar estern għal grupp ta' bejn 3 u 8 pedagogi.	Il-kostijiet kollha eliġibbli, inklużi l-kostijiet diretti tal-persunal.	L-għadd ta' settijiet imwettqa ta' 30 siegħa ta' mentoraġġ/ikkowċjar lil grupp ta' bejn 3 u 8 pedagogi.	31 191
21. Żvilupp professjonali tal-pedagogi fl-iskejjel u fil-faċilitajiet edukattivi taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	Ċiklu ta' taħriġ ta' 15-il siegħa ta' monitoraġġ tal-impjiegi strutturat minn pedagogu	Il-kostijiet kollha eliġibbli, inklużi l-kostijiet diretti tal-persunal.	L-għadd ta' ċikli mwettqa ta' taħriġ ta' 15-il siegħa għal kull pedagogu li jagħmel żjara strutturata lil pedagogu ieħor fi skola oħra.	4 505

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-kostijiet (1)	Unità ta' kejl għall-indikatur	Ammonti (fil-munità nazzjonali CZK sakemm ma jkunx imsemmi mod ieħor)
22. Żvilupp professjonali tal-pedagogi fl-iskejjel u fil-faċilitajiet edukattivi taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	Ċiklu ta' 10 sigħat ta' taħriġ permezz ta' kooperazzjoni reċiproka li tinvolvi grupp ta' mill-anqas 3 pedagogi.	Il-kostijiet kollha eliġibbli, inklużi l-kostijiet diretti tal-persunal.	L-għadd ta' ċikli mwettqa ta' taħriġ ta' 10 sigħat li jinvolvi grupp ta' mill-anqas 3 pedagogi.	8 456
23. Żvilupp professjonali tal-għalliema ta' skola/faċilità edukattiva taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	Lezzjonijiet tandem (10) ta' 2,75 sigħat.	Il-kostijiet kollha eliġibbli, inklużi l-kostijiet diretti tal-persunal:	L-għadd ta' lezzjonijiet tandem imwettqa	815
24. Żvilupp professjonali tal-pedagogi ta' skola/faċilità edukattiva taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	Ċiklu ta' 19-il siegħa ta' kooperazzjoni u tagħlim reċiproċi li jinvolvu espert u 2 pedagogi.	Il-kostijiet kollha eliġibbli, inklużi l-kostijiet diretti tal-persunal.	L-għadd ta' ċikli mwettqa ta' 19-il siegħa li jinvolvu espert u 2 pedagogi oħra.	5 637
25. Servizzi ta' konsulenza dwar il-karrieri fl-iskejjel u kooperazzjoni bejn l-iskejjel u l-impjegaturi taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	0,1 FTE maħduma kull xahar minn konsulent dwar il-karrieri u/jew koordinatur tal-kooperazzjoni bejn skola u l-impjegaturi.	Il-kostijiet kollha eliġibbli, inklużi l-kostijiet diretti tal-persunal	L-għadd ta' 0,1 FTE maħduma kull xahar	4 942
26. Żvilupp professjonali tal-pedagogi ta' skola/faċilità edukattiva taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	Ċiklu ta' taħriġ ta' 8,5 sigħat li jinvolvi monitoraġġ tal-impjiegi strutturat minn pedagogu u minn mentor.	Il-kostijiet kollha eliġibbli, inklużi l-kostijiet diretti tal-persunal	L-għadd ta' ċikli mwettqa ta' taħriġ ta' 8,5 sigħat għal kull żjara strutturata f'istituzzjoni/kumpanija/faċilità.	2 395

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-kostijiet [1]	Unità ta' kejl għall-indikatur	Ammonti (fil-munità nazzjonali CZK sakemm ma jkunx imsemmi mod ieħor)	
27. Żvilupp tal-kompetenza professjonali tal-pedagogi taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001) u l-Assi Prijoritarju 4 tal-Programm Operazzjonali tal-Pilastru tat-Tkabbir Ekonomiku ta' Praga (2014CZ16M2OP001).	Ċiklu ta' 3,75 siegħat jew 4 ċikli ta' 3,75 siegħat ta' taħriġ bl-involviment ta' pedagogu u u espert/tekniku tal-ICT.	Il-kostijiet kollha eliġibbli, inklużi l-kostijiet diretti tal-persunal	L-għadd ta' ċikli mwettqa ta' taħriġ ta' 3,75 siegħat li jinvolvu pedagogu u espert/tekniku tal-ICT.	Ċiklu Wieħed: 1 103 Erba' Ċikli: 4 412	
28. Mobbiltà tar-riċerkaturi taħt l-assi prijoritarju 2 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001).	Xhur ta' mobbiltà għal kull riċerkatur.	Il-kostijiet kollha eliġibbli tal-operazzjoni.	L-għadd ta' xhur f'mobbiltà għal kull riċerkatur.	**Komponenti**	**Ammont [11] (f'EUR)**
				Allowance għall-ħajja (għal mobbiltà lejn is-CZ)	**Subaltern** 2 674
					Superjuri 3 990
				L-ammonti tal-Allowance għall-Ħajja għall-mobbiltà 'l barra mis-CZ għandhom jiġu kkalkulati bil-multiplikazzjoni tal-ammonti għall-mobbiltà 'l ġewwa bil-koeffiċjent ta' korrezzjoni rilevanti elenkat fil-punt 3 hawn taħt, skont il-pajjiż tad-destinazzjoni.	
				Allowance tal-mobilità	600
				Benefiċċju tal-familja	500
				Kostijiet tar-riċerka, taħriġ u networking	800
				Kostijiet ta' ġestjoni u Kostijiet indiretti	650

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-kostijiet (1)	Unità ta' kejl għall-indikatur	Ammonti (fil-munità nazzjonali CZK sakemm ma jkunx imsemmi mod ieħor)
29. Appoġġ għal studenti b'lingwa materna differenti, għalliema jew ġenituri permezz tal-assistenza ta' Ħaddiem Interkulturali jew Assistent Bilingwi taħt l-Assi Prijoritarju 4 tal-Programm Operazzjonali tal-Pilastru tat-Tkabbir Ekonomiku ta' Praga (2014CZ16M2OP001).	1) 0,1 FTE maħduma kull xahar minn Ħaddiem Interkulturali (12) jew Assistent Bilingwi. 2) Siegħa (60 minuta) maħduma minn Ħaddiem Interkulturali (13).	Il-kostijiet kollha eliġibbli tal-operazzjoni.	1) L-għadd ta' 0,1 FTE maħduma minn Ħaddiem Interkulturali jew Assistent Bilingwi kull xahar. 2) L-għadd ta' siegħat maħduma minn Ħaddiem Interkulturali.	1) Ħaddiem Interkulturali: 5 373 Assistent Bilingwi: 4 464 2) Ħaddiem Interkulturali: 308
30. Proġetti ta' mobbiltà transnazzjonali għat-taħriġ tal-persunal edukattiv taħt l-Assi Prijoritarju 4 "Edukazzjoni u tagħlim u appoġġ għall-Impjiegi" tal-Programm Operazzjonali tal-Pilastru tat-Tkabbir Ekonomiku ta' Praga (2014CZ16M2OP001).	Traineeship ta' 4 ijiem għall-persunal edukattiv fi skola fi Stat Ewropew ieħor li jikkonsisti minn tal-anqas 24 siegħa ta' attivitajiet edukattivi.	Il-kostijiet kollha eliġibbli tal-operazzjoni, li huma: 1) Is-salarji għall-parteċipanti; 2) Il-kostijiet assoċjati mal-organizzazzjoni tat-traineeship fl-iskola ospitanti u li tibgħat. 3) L-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza;	L-għadd ta' traineeships ta' 4 ijiem li pparteċipa fihom il-persunal edukattiv fi skola fi Stat Ewropew ieħor.	1) 5 087 2) EUR 350 3) Ma' dawn l-ammonti għal kull traineeship ta' 4 ijiem jista' jiżdied ammont għal kull parteċipant biex ikopri l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza kif ġej:

Spejjeż tal-ivvjaġġar skont id-distanza kif ġej (14):	**Ammont**
10–99 km:	EUR 20
100–499 km:	EUR 180
500–1 999 km:	EUR 275
2,000–2 999 km:	EUR 360
3,000–3 999 km:	EUR 530
4,000–7 999 km:	EUR 820
8 000 km u aktar:	EUR 1 300
Spejjeż ta' sussistenza, skont il-pajjiż kif ġej:	**Ammont**
Id-Danimarka, l-Irlanda, in-Norveġja, l-Iżvezja, ir-Renju Unit	EUR 448
Il-Belġju, il-Bulgarija, il-Greċja, Franza, l-Italja, Ċipru, il-Lussemburgu, l-Ungerija, l-Awstrija, il-Polonja, ir-Rumanija, il-Finlandja,	EUR 392

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-kostijiet (1)	Unità ta' kejl għall-indikatur	Ammonti (fil-munità nazzjonali CZK sakemm ma jkunx imsemmi mod ieħor)
				Il-Ġermanja, Spanja, il-Latvja, Malta, il-Portugall, is-Slovakkja, EUR 336
				L-Estonja, il-Kroazja, il-Litwanja, is-Slovenja. EUR 280
31. Żvilupp tal-ħiliet fit-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) tal-istudenti u tal-persunal fl-iskola/faċilitajiet edukattivi taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	Lezzjoni ta' 45 minuta bl-użu ta' għodod tal-ICT, b'minimu ta' 10 studenti li mill-anqas 3 minnhom ikunu f'riskju ta' falliment fl-iskola.	Il-kostijiet kollha eliġibbli tal-operazzjoni, inklużi l-kostijiet diretti tal-ICT u l-kostijiet diretti tal-persunal.	L-għadd ta' lezzjonijiet ta' 45 minuta b'minimu ta' 10 studenti li mill-anqas 3 minnhom ikunu f'riskju ta' falliment fl-iskola.	2 000
32. Żvilupp professjonali tal-għalliema taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	Jum ta' proġetti li jikkonsisti minn tagħlim kooperattiv mill-għalliema u espert estern	Il-kostijiet kollha eliġibbli, inklużi l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-kostijiet diretti tal-persunal	L-għadd ta' jiem ta' proġetti ta' tagħlim kooperattiv, li jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin: — jikkonsistu minn 4 lezzjonijiet ta' 45 minuta kull waħda ta' tagħlim barra l-ambjent normali tal-iskola — lil grupp ta' mill-anqas 10 studenti, li mill-anqas 3 minnhom ikunu f'riskju ta' falliment fl-iskola, ikkumplimentati b'tal-anqas 60 minuta ta' preparazzjoni u riflessjoni konġunti	6 477
33. Taħriġ tal-persunal edukattiv permezz ta' mobbiltà transnazzjonali taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	Korsijiet ta' taħriġ ta' ġurnata ta' għalliem/student għalliem fi skola fi Stat Membru ieħor tal-UE u/jew f'pajjiż mhux tal-UE fil-programm Erasmus+ li jikkonsisti minn 6 sigħat ta' attivitajiet speċifiċi.	Il-kostijiet kollha eliġibbli, inklużi l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-kostijiet diretti tal-persunal 1) Salarji għall-parteċipanti li huma għalliema; 2) Il-kostijiet assoċjati mal-organizzazzjoni tat-traineeship fl-iskola ospitanti u li tibgħat. 3) L-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza;	L-għadd ta' korsijiet ta' taħriġ tal-għalliema fi skejjel f'pajjiż ieħor tal-UE, jew f'pajjiż mhux tal-UE fil-programm Erasmus+. Kors ta' taħriġ jista' jikkonsisti f'jum ta' taħriġ wieħed jew aktar ta' sitt (6) sigħat ta' attivitajiet speċifiċi.	1. 1 388 CZK (kuljum) 2. EUR 350 (għal kull kors ta' taħriġ) 3. Spejjeż tal-ivvjaġġar u s-sussistenza Spejjeż tal-ivvjaġġar andata u ritorn skont id-distanza kif ġej (15): **Ammont** 10–99 km: EUR 20 100–499 km: EUR 180 500–1 999 km: EUR 275 2,000–2,999 km: EUR 360 3,000–3,999 km: EUR 530

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-kostijiet (1)	Unità ta' kejl għall-indikatur	Ammonti (fil-munità nazzjonali CZK sakemm ma jkunx imsemmi mod ieħor)	
				4,000–7,999 km:	EUR 820
				8 000 km u aktar:	EUR 1 300
				Spejjeż ta' sussistenza, skont il-pajjiż u għadd ta' ġranet kif ġej:	**Ammont**
				Id-Danimarka, l-Irlanda, in-Norveġja, l-Iżvezja, ir-Renju Unit, il-Finlandja, il-Lussemburgu, l-Iżlanda, il-Liechtenstein	EUR 153/kuljum (1.–14. jum), EUR 107 (15.–60. jum).
				In-Netherlands, l-Awstrija, il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, Spanja, Ċipru, il-Greċja, Malta, il-Portugall	EUR 136/kuljum (1.–14. jum), EUR 95 (15.–60. jum).
				Is-Slovenja, l-Estonja, il-Latvja, il-Kroazja, is-Slovakkja, il-Litwanja, it-Turkija, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija, il-Bulgarija, il-Maċedonja ta' Fuq	EUR 119/kuljum (1.–14. jum), EUR 83 (15.–60. jum).
34. Kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u entitajiet oħra taħt l-Assi prijoritarju 2 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	Internships u taħriġ prattiku f'organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-kooperazzjoni relatata fost l-organizzazzjonijiet tar-riċerka.	Il-kostijiet kollha eliġibbli, inklużi l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-kostijiet diretti tal-persunal	L-għadd ta' jiem lavorattivi f'organizzazzjonijiet tar-riċerka f'pajjiż ieħor ('il barra) jew f'organizzazzjonijiet tar-riċerka f'CZ ('il ġewwa)	EUR 219 għal dawk 'il ġewwa; EUR 219 × il-koeffiċjent ta' korrezzjoni rilevanti (ara t-tabella taħt il-punt 3) għal dawk 'il barra	
35. Żvilupp professjonali tal-edukaturi f'organizzazzjonijiet ta' edukazzjoni informali taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	Forniment ta' monitoraġġ tal-impjiegi strutturat għal ċiklu ta' taħriġ ta' 20 siegħa.	Il-kostijiet kollha eliġibbli, inklużi l-kostijiet diretti tal-persunal.	L-għadd ta' ċikli ta' taħriġ ta' monitoraġġ tal-impjiegi strutturat ipprovduti minn impjegati jew voluntiera.	(1) CZK 5 262 (l-espert ikun impjegat). (2) CZK 3 070 (l-espert ikun voluntier).	
36. Żvilupp professjonali tal-edukaturi f'organizzazzjonijiet ta' edukazzjoni informali taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	Forniment tandem għal ċiklu ta' taħriġ ta' disa' (9) sigħat.	Il-kostijiet kollha eliġibbli, inklużi l-kostijiet diretti tal-persunal	L-għadd ta' ċikli ta' taħriġ tandem ta' disa' (9) sigħat ipprovduti minn impjegati jew voluntiera.	(1) CZK 2 499 (l-espert ikun impjegat). (2) CZK 1184 (l-espert ikun voluntier).	

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-kostijiet (1)	Unità ta' kejl għall-indikatur	Ammonti (fil-munità nazzjonali CZK sakemm ma jkunx imsemmi mod ieħor)
37. Żvilupp professjonali tal-edukaturi permezz ta' taħriġ strutturat f'organizzazzjonijiet tal-edukazzjoni informali taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	Forniment ta' taħriġ f'korsijiet strutturati akkreditati.	(1) Il-kostijiet kollha eliġibbli, inklużi l-kostijiet diretti tal-għoti tat-taħriġ u l-ispejjeż tal-ikliet; (2) Il-kostijiet kollha eliġibbli, inklużi l-kostijiet diretti tal-għoti tat-taħriġ u l-ispejjeż tal-ikliet + Spejjeż tal-ivvjaġġar.	(1) L-għadd ta' sigħat ta' taħriġ għal kull parteċipant. (2) L-għadd ta' sigħat ta' taħriġ għal kull parteċipant li għalih japplikaw spejjeż tal-ivvjaġġar (vjaġġ f'direzzjoni waħda b'tul ta' mill-anqas 10 km).	(1) CZK 200,50 (2) 200,50 CZK + EUR 2.50
38. Żvilupp professjonali tal-edukaturi f'organizzazzjonijiet tal-edukazzjoni informali taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	Ċiklu ta' 22 siegħa ta' kooperazzjoni u tagħlim reċiproċi li jinvolvu espert u 2 edukaturi.	Il-kostijiet kollha eliġibbli, inklużi l-kostijiet diretti tal-persunal.	L-għadd ta' ċikli mwettqa ta' 22 siegħa li jinvolvu espert u 2 edukaturi oħra.	(1) CZK 6 227 (l-espert ikun impjegat). (2) CZK 2 719 (l-espert ikun voluntier).
39. Żvilupp professjonali tal-edukaturi f'organizzazzjonijiet tal-edukazzjoni informali taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	Jum ta' proġetti ta' mill-anqas 4 sigħat li jikkonsisti minn tagħlim kooperattiv mill-edukaturi u espert estern	Il-kostijiet kollha eliġibbli, inklużi l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, il-kostijiet tal-persunal u l-kostijiet indiretti.	L-għadd ta' jiem ta' proġetti mitmuma għal mill-anqas 10 studenti f'distanza ta' mill-anqas 10 km 'il barra mis-sede prinċipali tal-organizzazzjoni.	EUR 246
40. Forniment ta' attivitajiet extrakurrikulari pprovduti minn organizzazzjoni tal-edukazzjoni informali għal tfal/studenti f'riskju ta' falliment fl-iskola taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali dwar ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Edukazzjoni (2014CZ05M2OP001)	Forniment ta' attivitajiet extrakurrikulari għal durata totali ta' 24 siegħa.	Il-kostijiet kollha eliġibbli, minbarra l-kostijiet diretti tal-persunal	L-għadd ta' settijiet ta' 24 siegħa ta' attivitajiet extrakurrikulari implimentati.	CZK 6 315

(1) Għall-kostijiet unitarji 1–5, il-kategoriji tal-kostijiet imsemmija jkopru l-kostijiet kollha assoċjati ma' dik l-operazzjoni, ħlief għat-tipi ta' operazzjonijiet 1 u 2, li jistgħu jinkludu wkoll kategoriji ta' kostijiet oħra.
(2) Tfisser post ġdid li jkun parti mill-kapaċità tal-faċilità l-ġdida għall-indukrar tat-tfal kif irreġistrata mir-regolamenti nazzjonali, u li jkollha prova ta' tagħmir għal kull post ġdid ieħor ipprovdut.
(3) Grupp tat-tfal tfisser li dan ġie rreġistrat bħala grupp tat-tfal skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-forniment ta' servizzi għall-indukrar tat-tfal fi grupp tat-tfal.
(4) Tfisser post f'faċilità eżistenti li jkun għadu kif ġie rreġistrat bħala grupp tat-tfal skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali u li jkun parti mill-kapaċità uffiċjali ta' dak il-grupp, u li jkollu prova tat-tagħmir għal kull post.
(5) Ir-rata ta' okkupanza hi definita bħala l-għadd ta' tfal li jattendu l-faċilità għall-indukrar tat-tfal kull nofstanhar f'6 xhur diviżi bil-kapaċità massima tal-faċilità għal kull nofstanhar f'6 xhur, immultiplikati b'100.
(6) Dan l-ammont se jitħallas għal kull punt ta' 1 % ta' okkupanza għal kull post sa massimu ta' 75 % punti għal perjodu ta' 6 xhur. Jekk ir-rata ta' okkupanza tkun anqas minn 20 %, ma jsir ebda rimborż.
(7) Ir-rata ta' okkupanza hi definita bħala l-għadd ta' tfal li jattendu l-faċilità għall-indukrar tat-tfal kull nofstanhar f'6 xhur diviżi bil-kapaċità massima tal-faċilità għal kull nofstanhar f'6 xhur, immultiplikati b'100.
(8) Dan l-ammont se jitħallas għal kull punt ta' 1 % ta' okkupanza għal kull post sa massimu ta' 75 % punti għal perjodu ta' 6 xhur. Jekk ir-rata ta' okkupanza tkun anqas minn 20 %, ma jsir ebda rimborż.
(9) It-taħriġ intern huwa taħriġ mogħti minn ħarrieġ intern.
(10) Lezzjoni tandem għandha tinftiehem bħala 2 pedagogi li jikkoperaw biex isaħħu b'mod reċiproku l-iżvilupp professjonali tagħhom billi jippjanaw, jimplimentaw u jirriflettu b'mod konġunt fuq il-metodi ta' tagħlim fil-klassi.
(11) L-ammont totali għal kull parteċipant se jiddependi fuq il-karatteristiċi ta' kull inċidenza ta' mobbiltà u l-applikabbiltà ta' kull komponent stabbilit.
(12) Dan l-indikatur se jintuża għall-Ħaddiema Interkulturali jew għall-assistenti bilingwi impjegati direttament fuq bażi full-time jew part-time mill-iskola.
(13) Dan l-indikatur se jintuża għall-Ħaddiema Interkulturali esterni ingaġġati mill-iskola biex jipprovdu servizzi fuq bażi ta' kull siegħa.
(14) Abbażi tad-distanza tal-ivvjaġġar għal kull parteċipant. Id-distanzi tal-ivvjaġġar għandhom jiġu kkalkulati billi jintuża l-kalkolatur tad-distanza appoġġat mill-Kummissjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/resources/distance-calculator_mt).
(15) Abbażi tad-distanza tal-ivvjaġġar għal kull parteċipant. Id-distanzi tal-ivvjaġġar għandhom jiġu kkalkulati billi jintuża l-kalkolatur tad-distanza appoġġat mill-Kummissjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/resources/distance-calculator_mt).

2. **Aġġustament tal-ammonti.**

Ir-rata għall-kostijiet unitarji 6-11 tista' tiġi aġġustata billi tinbidel ir-rata inizjali tal-paga minima fil-metodu ta' kalkolu li jikkonsisti fil-paga minima, il-kost għall-forniment tat-taħriġ u l-kostijiet indiretti.

Ir-rata għall-kost unitarju 12 tista' tiġi aġġustata billi jinbidlu l-kostijiet diretti inizjali tal-persunal, inklużi l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa, u/jew il-pagi għall-parteċipanti, inklużi l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa, fil-metodu ta' kalkolu li jikkonsisti fil-kostijiet diretti tal-persunal, inklużi l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa u/jew il-pagi għall-parteċipanti, inklużi l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa.

Ir-rata għall-kostijiet unitarji 13-17, 19-27, u 29 tista' tiġi aġġustata billi jinbidlu l-kostijiet diretti inizjali tal-persunal, inklużi l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa, fil-metodu ta' kalkolu li jikkonsisti fil-kostijiet diretti tal-persunal, inklużi l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa, kif ukoll il-kostijiet indiretti.

Ir-rata għall-kost unitarju 18 tista' tiġi aġġustata billi jinbidlu s-salarji għall-parteċipanti, inklużi l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa fil-metodu ta' kalkolu li jikkonsisti fil-kost għall-għoti tat-taħriġ flimkien mas-salarji għall-parteċipanti, inklużi l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa, kif ukoll il-kostijiet indiretti.

L-ammonti għall-kost unitarju 28 jistgħu jiġu aġġustati billi jinbidlu l-ammonti għall-Allowance tal-Ħajja, l-Allowance tal-mobbiltà, il-Benefiċċju tal-familja, il-Kostijiet tar-riċerka, taħriġ u netwerking u l-kostijiet ta' Ġestjoni u dawk Indiretti.

Ir-rata għall-kost unitarju 30 tista' tiġi aġġustata billi jinbidlu l-kostijiet diretti inizjali tal-persunal, inkluż il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa, il-kostijiet assoċjati mal-organizzazzjoni tat-traineeship fl-iskola ospitanti u li tibgħat, u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza fil-metodu ta' kalkolu li jikkonsisti fil-kostijiet diretti tal-persunal, inklużi l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa, il-kostijiet assoċjati mal-organizzazzjoni tat-traineeship fl-iskola ospitanti u li tibgħat, u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza.

Ir-rata għall-kost unitarju 32 tista' tiġi aġġustata billi jinbidel l-ammont għall-ivvjaġġar fil-metodu ta' kalkolu li jikkonsisti mill-ispejjeż diretti għall-ivvjaġġar, flimkien mal-kostijiet diretti tal-persunal, kif ukoll il-kostijiet indiretti.

L-aġġustamenti se jkunu bbażati fuq id-data aġġornata kif ġej:

L-aġġustamenti se jkunu bbażati fuq bidla fis-salarji għall-għalliema tal-iskejjel primarji u sekondarji stabbiliti fil-livell nazzjonali skont it-taqsima 1 tal-§28 tal-Att Nru 553/2003 dwar ir-remunerazzjoni ta' ċerti impjegati li jaħdmu fl-interess pubbliku.""

ANNESS VI

"ANNESS IX

Kundizzjonijiet għar-rimborż tan-nefqa abbażi ta' tabelli standard ta' kostijiet unitarji u somom f'daqqa lin-Netherlands

1. **Definizzjoni ta' tabelli standard ta' kostijiet unitarji**

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-kostijiet	Unità ta' kejl għall-indikaturi	Ammonti (f'EUR)
1. Attivitajiet ta' riintegrazzjoni għaddetenuti fis-settur tas-Servizzi tal-Ħabsijiet Assi Prijoritarju 1 PO 2014NL05SFOP001 Prijorità ta' investiment: 9i — Inklużjoni attiva	Il-jiem kalendarji ta' parteċipazzjoni ta' detenut matul il-perjodu ta' intervent ([1]), fis-settur tas-Servizzi tal-Ħabsijiet (GW).	Il-kostijiet kollha eliġibbli (kostijiet tal-persunal, kostijiet diretti u indiretti oħra).	L-għadd ta' jiem kalendarji ta' parteċipazzjoni ta' detenut fil-perjodu ta' intervent	14,50
2. Attivitajiet ta' riintegrazzjoni għaddetenuti fil-kura forensika (Forzo) Assi Prijoritarju 1 PO 2014NL05SFOP001 Prijorità ta' investiment: 9i — Inklużjoni attiva	Il-jiem kalendarji ta' parteċipazzjoni ta' detenut matul il-perjodu ta' intervent fis-settur tal-kura forensika (Forzo)	Il-kostijiet kollha eliġibbli (kostijiet tal-persunal, kostijiet diretti u indiretti oħra).	L-għadd ta' jiem kalendarji ta' parteċipazzjoni ta' detenut fil-perjodu ta' intervent.	21,00
3. Attivitajiet ta' riintegrazzjoni għal delinkwenti minorenni u żgħażagħ f'istituzzjonijiet impoġġija taħt superviżjoni abbażi ta' sentenza tal-qorti skont il-liġi ċivili Assi Prijoritarju 1 PO 2014NL05SFOP001 Prijorità ta' investiment: 9i — Inklużjoni attiva	Jiem kalendarji ta' parteċipazzjoni ta' delinkwent minorenni u żagħżugħ matul il-perjodu ta' intervent fis-settur tad-Delinkwenti minorenni u żgħażagħ f'istituzzjonijiet ta' kustodja skont il-liġi ċivili (JI)	Il-kostijiet kollha eliġibbli (kostijiet tal-persunal, kostijiet diretti u indiretti oħra).	L-għadd ta' jiem kalendarji ta' parteċipazzjoni ta' delinkwent minorenni u żagħżugħ fil-perjodu ta' intervent.	26,50
4. Attivitajiet ta' taħriġ dwar ix-xogħol għal Żgħażagħ b'Diżabilità PO 2014NL05SFOP001 Prijorità ta' investiment: 9i — Inklużjoni attiva	Forniment ta' attivitajiet ta' taħriġ dwar ix-xogħol għal Żgħażagħ b'Diżabilità li jirċievu benefiċċji mill-Aġenzija tal-Assigurazzjoni tal-Impjegati (UWV biex jiżguraw u jżommu impjieg bi ħlas fis-suq tax-xogħol miftuħ)	Il-kostijiet kollha eliġibbli.	L-għadd ta' sigħat ta' taħriġ dwar ix-xogħol assenjati lil parteċipant.	55,05

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-kostijiet	Unità ta' kejl għall-indikaturi	Ammonti (f'EUR)
5. Operazzjonijiet li jippromwovu u jtejbu l-konnessjoni bejn studenti PrO and VSO ([2]) u s-suq tax-xogħol jew aktar edukazzjoni vokazzjonali. P22014NL05SFOP001 Prijorità ta' investiment: 9i — Inklużjoni attiva	Għoti ta' gwida addizzjonali dwar is-suq tax-xogħol lil studenti rreġistrati fi skola PrO jew VSO.	Il-kostijiet kollha eliġibbli tal-operazzjoni.	L-għadd ta' studenti PrO jew VSO għal kull sena skolastika li jirċievu gwida addizzjonali dwar is-suq tax-xogħol.	1 720,00

([1]) Għall-finijiet tat-tipi ta' operazzjonijiet 1 sa 3, il-perjodu ta' intervent huwa l-perjodu bejn id-data tad-dħul u d-data tal-ħruġ mill-attività ta' riintegrazzjoni.
([2]) PrO = PraktijkOnderwijs (edukazzjoni prattika) u VSO = Voortgezet Speciaal Onderwijs (edukazzjoni sekondarja speċjali)

2. **Aġġustament tal-ammonti**

L-ammonti tal-kostijiet unitarji stabbiliti għat-tipi ta' operazzjonijiet 1-3 u 5 se jiġu aġġustati kull sena f'konformità mal-indiċi tal-prezzijiet għall-konsumatur (CPI) Olandiż: https://www.cbs.nl/nl-nl/conversie/uitgelicht/de-consumentenprijsindex. Iċ-ċifri tal-indiċi jistgħu jinstabu fuq CBS Statline.

L-ewwel indiċjar għat-tipi ta' operazzjonijiet 1-3 se jiġi kkalkulat fl-2017, għat-tipi ta' operazzjoni 5 fl-2020. Is-sena bażi għall-ammonti tal-kostijiet unitarji stabbiliti f'dan l-anness hija l-2015. (CPI 2015 = 100).

Kull sena (N), mill-2017, l-ammonti se jiġu indiċjati billi jiġi applikat is-CPI tas-sena N-1 bis-sena 2015 bħala linja bażi. Se tintuża l-formula li ġejja biex jiġu kkalkulati l-ammonti tal-kostijiet unitarji li għandhom jiġu applikati f'sena partikolari:

Ammonti tal-kostijiet unitarji fis-sena N = Ammonti tal-kostijiet unitarji inklużi f'dan l-anness × CPI fis-sena N-1 (bil-linja bażi 2015 = 100)/100

L-ammonti tal-kostijiet unitarji stabbiliti għat-tipi ta' kost unitarju tal-operazzjoni 4 se jiġu aġġustati meta r-regoli u r-regolamenti dwar it-taħriġ dwar ix-xogħol jinbidlu skont il-liġi Olandiża. Il-perċentwal stabbilit ta' 60 % li jifforma l-bażi għall-kalkolu tal-ammont fis-siegħa, b'kont meħud li l-għadd ta' sigħat assenjati mhux dejjem jintużaw, se jiġi kkalkulat mill-ġdid kull sentejn bl-istess mod li saru l-kalkoli preżenti bis-sena bażi 2018. Jekk il-medja tvarja b'aktar minn 2 fil-mija tal-għadd totali ta' sigħat, il-perċentwal il-ġdid jiġi applikat bħala l-medja l-ġdida.

3. **Definizzjoni ta' somma f'daqqa**

Tip ta'operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-kostijiet	Unità ta' kejl għall-indikatur	Ammonti (f'EUR)
Assistenza teknika Assi Prijoritarju 4 2014NL05SFOP001	In-nefqa totali ġdida inkluża f'talba għall-ħlas (jiġifieri n-nefqa eliġibbli totali inkluża f'talba għall-ħlas li tkun għadha ma ġietx ikkunsidrata għall-kalkolu ta' ħlas parzjali ta' EUR 100 000).	Il-kostijiet kollha eliġibbli	Ħlasijiet parzjali ta' EUR 100 000 min-nefqa totali ġdida inkluża f'talba għall-ħlas ippreżentata lill-Kummissjoni Ewropea sakemm jintlaħaq l-ammont massimu ([1]) bbaġitjat taħt l-assi prijoritarju tal-assistenza teknika.	5 690

([1]) Skont l-Artikolu 119 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

4. **Aġġustamenti tal-ammonti**

Mhux applikabbli."

ANNESS VII

"ANNESS XIII

Kundizzjonijiet għar-rimborż tan-nefqa abbażi ta' tabelli standard ta' kostijiet unitarji lir-Rumanija

1. **Definizzjoni ta' tabelli standard ta' kostijiet unitarji**

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-kostijiet	Unità ta' kejl għall-indikaturi	Ammonti (f'LEI)
1. Sussidji mħallsa lill-impjegaturi talli jimpjegaw kategoriji speċifikati ta' ħaddiema taħt l-Assi Prijoritarji 1. 2. 3. 4 u 5 tal-Programm Operazzjonali dwar il-Kapital Uman (2014RO05M9OP001)	Sussidju fix-xahar imħallas lil impjegatur għal kull persuna impjegata b'kuntratt indefinit.	Il-kostijiet kollha relatati mas-sussidju għall-impjieg.	L-għadd ta' xhur fl-impjieg	900 fix-xahar sa 12-il xahar għal kull impjegatur li jimpjega b'kuntratt indefinit għal perjodu minimu ta' 12-il xahar gradwat minn istituzzjoni edukattiva. persuna qiegħda ta' 'l fuq minn 45 sena. persuna qiegħda fit-tul. NEET żagħżugħ/a. persuni qiegħda li jkunu ġenituri singli ta' familji b'ġenitur wieħed LEI 900/xahar sa 18-il xahar imħallsa għal kull impjegatur li jimpjega persuna b'diżabilità (ħlief dawk impjegati taħt obbligu legali) b'kuntratt indefinit għal perjodu minimu ta' 18-il xahar. LEI 900/xahar sa 5 snin għal impjegaturi li jimpjegaw b'kuntratti full-time persuni qiegħda li fi żmien 5 snin mid-data tal-impjieg jissodisfaw il-kundizzjonijiet sabiex ikun jeħtieġu pensjoni parzjali tal-irtirar kmieni jew pensjoni tal-irtirar
2. Taħriġ vokazzjonali taħt l-assi prijoritarji 1, 2, 3, 4, 5 u 6 tal-Programm Operazzjonali dwar il-Kapital Uman (2014RO05M9OP001).	Parteċipant jikseb kwalifika professjonali (livell 2,3 jew 4).	Il-kostijiet kollha relatati mat-taħriġ — inklużi l-kostijiet indiretti — eskluży l-kostijiet relatati mal-parteċipant, bħat-trasport, l-akkomodazzjoni, l-ikliet, is-sussidji, kif ukoll il-kostijiet ta' ġestjoni tal-proġett.	L-għadd ta' xhur għal kull persuna li tikseb ċertifikat ta' kwalifika professjonali (livell 2, 3 jew 4)	(a) 1324 fix-xahar għal kwalifika fil-livell 2 (b) 2224 fix-xahar għal kwalifika fil-livell 3 (c) 4101 fix-xahar għal kwalifika fil-livell 4

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-kostijiet	Unità ta' kejl għall-indikaturi	Ammonti (f'LEI)
3. Appoġġ finanzjarju għall-impjegaturi li jimpjegaw persuni fi programm ta' apprendistat taħt l-assi prijoritarji 1, 2 u 3 tal-Programm Operazzjonali dwar il-Kapital Uman (2014RO05M9OP001).	Appoġġ finanzjarju fix-xahar imħallas lil impjegatur għal kull persuna rreġistrata f'apprendistat bi ħlas.	Il-kostijiet kollha relatati mas-sussidju għall-apprendistat.	L-għadd ta' xhur fl-impjieg	1 125 fix-xahar għal kull apprendist għal perjodu massimu ta': — 12-il xahar — għal kwalifika fil-livell 2 — 24-il xahar — għal kwalifika fil-livell 3 — 36-il xahar — għal kwalifika fil-livell 4
4. Appoġġ finanzjarju għall-impjegaturi li jimpjegaw persuni fi programm ta' internship taħt l-assi prijoritarji 1, 2 u 3 tal-Programm Operazzjonali dwar il-Kapital Uman (2014RO05M9OP001).	Appoġġ finanzjarju fix-xahar imħallas lil impjegatur għal kull persuna b'edukazzjoni terzjarja rreġistrata fi programm ta' internship	Il-kostijiet kollha relatati mas-sussidju għall-internship	L-għadd ta' xhur fl-impjieg	1 350 fix-xahar għal kull intern b'edukazzjoni terzjarja għal perjodu massimu ta' 6 xhur.
5. Forniment ta' ikliet għat-tfal fil-crèches taħt l-Assi Prijoritarju 6 "Edukazzjoni u kompetenzi" tal-Programm Operazzjonali dwar il-Kapital Uman (2014RO05M9OP001).	Kost tal-ikla ta' kuljum għal tifel/tifla (ta' età minn 0 sa 3 snin) f'servizzi ta' kura bikrija tat-tfal li għalihom tħallas kost unitarju fil-livell tal-UE	Il-kostijiet kollha relatati malforniment tal-ikliet ta' kuljum.	L-għadd ta' jiem ta' servizz ta' crèche (servizzi ta' kura) għal kull tifel/tifla appoġġat/a (ta' età minn 0 sa 3 snin)	12 għal kull tifel/tifla kuljum

2. **Aġġustament tal-ammonti**

L-ammonti għall-kost unitarju 1 jistgħu jiġu aġġustati bi kwalunkwe emenda fir-rati stabbiliti mil-liġi Nru 76/2002 dwar is-sistema tal-assigurazzjoni tal-qgħad u l-istimular tal-impjiegi. Bidliet bħal dawn isiru effettivi fl-istess jum li jidħlu fis-seħħ ir-reviżjonijiet fil-liġi msemmija hawn fuq.

L-ammont għall-kost unitarju 2 se jinbidel b'mod awtomatiku billi titqies ir-rata tal-inflazzjoni għal kull sena abbażi tal-indiċi tal-inflazzjoni tal-Istitut Nazzjonali tal-Istatistika Rumen. Pereżempju, ir-rata tista' tiġi aġġustata fl-1 ta' Jannar ta' kull sena, wara l-adozzjoni tad-dokument preżenti, billi tiġi mmultiplikata r-rata tal-inflazzjoni tal-Istitut Nazzjonali tal-Istatistika Rumen għar-Rumanija, fejn ir-rata għall-2015 għandha tittieħed bħala linja bażi ta' 100.

L-ammonti għall-kostijiet unitarji 3 u 4 jistgħu jiġu aġġustati bi kwalunkwe emenda tar-rati stabbiliti mil-liġi Nru 72/2002 dwar is-sistema tal-assigurazzjoni tal-qgħad u l-istimular tal-impjiegi, inklużi l-emendi sussegwenti tagħha u l-liġi Nru 279/2005 dwar il-programmi ta' apprendistat fuq il-post tax-xogħol, inklużi l-emendi sussegwenti tagħha, u l-liġi Nru 335/2013 dwar il-programm ta' internships għall-gradwati fl-edukazzjoni għolja, inklużi l-emendi sussegwenti tagħha, bidliet bħal dawn isiru effettivi fl-istess jum li jidħlu fis-seħħ ir-reviżjonijiet fil-liġi msemmija hawn fuq.

Il-bidliet fil-valur totali tal-kostijiet unitarji stabbiliti hawn fuq mhux se japplikaw għas-sejħiet diġà mħabbra.

L-ammonti għall-kost unitarju 5 jistgħu jiġu aġġustati f'konformità mal-bidliet fid-Deċiżjoni tal-Gvern (GD) Nru 904/2014 għall-istabbiliment ta' livelli limitu għall-ispejjeż relatati mad-drittijiet ipprovduti mill-artikolu 129 (1) tal-Liġi Nru 272/2004 dwar il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal. Dawn il-bidliet se jidħlu fis-seħħ fl-istess data li fiha jidħlu fis-seħħ ir-reviżjonijiet tal-liġi msemmija hawn fuq."

ANNESS VIII

"ANNESS XIV

Kundizzjonijiet għar-rimborż tan-nefqa abbażi ta' tabelli standard ta' kostijiet unitarji lill-Istati Membri kollha speċifikati.

1. **Definizzjoni ta' tabelli standard ta' kostijiet unitarji**

Tip ta' operazzjonijiet ([1])	Isem l-indikatur	Kategorija tal-kostijiet	Unità ta' kejl għall-indikaturi	Ammonti (f'EUR)
1. Operazzjonijiet ta' edukazzjoni formali (mill-edukazzjoni bikrija tat-tfal sal-livell terzjarju, inkluża l-edukazzjoni vokazzjonali formali) fil-programmi operazzjonali kollha tal-FSE.	Parteċipanti f'sena akkademika tal-edukazzjoni formali.	Il-kostijiet kollha eliġibbli relatati mal-forniment ta' oġġetti u servizzi bażiċi tal-edukazzjoni ([2]).	L-għadd ta' parteċipanti b'attendenza verifikata ([3]) f'sena akkademika ta' edukazzjoni formali, differenzjati skont il-klassifikazzjoni ISCED ([4]).	Ara l-punt 3.1 ([5]) L-ammonti huma għall-parteċipazzjoni full-time f'sena akkademika. Fil-każ ta' parteċipazzjoni part-time, l-ammont għandu jiġi stabbilit abbażi ta' pro rata li tirrifletti l-parteċipazzjoni tal-istudent. Fil-każ li l-kors idum anqas minn sena akkademika waħda, l-ammont għandu jiġi stabbilit abbażi ta' pro rata li tirrifletti d-durata tal-kors. Għat-taħriġ vokazzjonali u edukattiv (livell sekondarju għoli u livell postsekondarju mhux terzjarju), fil-każ ta' korsijiet bi proporzjon imnaqqas ta' żmien imqatta' f'istituzzjoni tal-edukazzjoni formali meta mqabbel mal-korsijiet irrappurtati għall-ġbir tad-data matul is-sena ta' referenza, l-ammont għandu jitnaqqas b'mod proporzjonali biex jirrifletti ż-żmien imqatta' fl-istituzzjoni edukattiva.
2. Kwalunkwe operazzjoni li tirrigwarda t-taħriġ ([6]) ta' persuni qiegħda rreġistrati, persuni jfittxu impjieg jew persuni inattivi, ħlief it-tipi ta' operazzjonijiet li għalihom ġew stabbiliti opzjonijiet oħra relatati mal-kostijiet simplifikati f'anness ieħor ta' dan ir-Regolament Delegat.	Parteċipanti li temmew b'suċċess kors ta' taħriġ ([7]).	Il-kostijiet kollha eliġibbli tal-operazzjoni.	L-għadd ta' parteċipanti li temmew b'suċċess kors ta' taħriġ. ([8])	Ara l-punt 3.2.1 Għal dawk l-Istati Membri elenkati fil-punt 3.3: — l-ammonti msemmija fil-punt 3.2 għandhom jiġu multiplikati bl-indiċi għall-Programm Operazzjonali reġjonali rilevanti msemmi fil-punt 3.3; — fejn il-programmi operazzjonali jkopru aktar minn reġjun wieħed, l-ammont li għandu jiġi rimborżat għandu jkun skont ir-reġjun li fih jiġu implimentati l-operazzjoni jew il-proġett. Il-metodu użat għall-kalkolu ta' dawn l-ammonti jirrikjedi li fejn dawn l-ammonti jiġu mitluba għal tip ta' operazzjoni taħt Programm Operazzjonali, l-istess ammont jiġi mitlub għat-tipi simili kollha ta' operazzjonijiet taħt l-istess Programm Operazzjonali.

Tip ta' operazzjonijiet ([1])	Isem l-indikatur	Kategorija tal-kostijiet	Unità ta' kejl għall-indikaturi	Ammonti (f'EUR)
3. Kwalunkwe operazzjoni li tirrigwarda l-forniment ta' servizzi ta' konsulenza relatati mal-impjiegi ([9]) lil persuni qiegħda rreġistrati, persuni jfittxu impjieg jew persuni inattivi, ħlief it-tipi ta' operazzjonijiet li għalihom ġew stabbiliti opzjonijiet oħra relatati mal-kostijiet simplifikati f'anness ieħor ta' dan ir-Regolament Delegat.	1. Ir-rata fis-siegħa għall-forniment ta' servizzi ta' konsulenza 2. Ir-rata fix-xahar għall-forniment ta' servizzi ta' konsulenza 3. Ir-rata annwali għall-forniment ta' servizzi ta' konsulenza	Il-kostijiet kollha eliġibbli tal-operazzjoni, ħlief l-allowances imħallsa lill-parteċipanti	1. L-għadd ta' sigħat ta' servizzi ta' konsulenza pprovduti ([10]) 2. L-għadd ta' xhur ta' servizzi ta' konsulenza pprovduti 3. L-għadd ta' snin ta' servizzi ta' konsulenza pprovduti	Ara l-punti 3.2.2, 3.2.3 u 3.2.4 hawn taħt Għal dawk l-Istati Membri elenkati fil-punt 3.3: — l-ammonti msemmija fil-punt 3.2 għandhom jiġu multiplikati bl-indiċi għall-Programm Operazzjonali reġjonali rilevanti msemmi fil-punt 3.3; — fejn il-programmi operazzjonali jkopru aktar minn reġjun wieħed, l-ammont li għandu jiġi rimborżat għandu jkun skont ir-reġjun li fih jiġu implimentati l-operazzjoni jew il-proġett. Il-metodu użat għall-kalkolu ta' dawn l-ammonti jirrikjedi li fejn dawn l-ammonti jiġu mitluba għal tip ta' operazzjoni taħt Programm Operazzjonali, l-istess ammont jiġi mitlub għat-tipi simili kollha ta' operazzjonijiet taħt l-istess Programm Operazzjonali.
4. Kwalunkwe operazzjoni li tirrigwarda l-għoti ta' taħriġ lil persuni impjegati, ħlief it-tipi ta' operazzjonijiet li għalihom ġew stabbiliti opzjonijiet oħra relatati mal-kostijiet simplifikati f'anness ieħor ta' dan ir-Regolament Delegat.	1. Ir-rata fis-siegħa tat-taħriġ mogħti lil persuni impjegati 2. Ir-rata fis-siegħa tas-salarju mħallas lil impjegat waqt li jkun fuq kors ta' taħriġ.	Il-kostijiet kollha eliġibbli tal-operazzjoni. Fejn is-salarju tal-impjegat waqt li jkun fuq kors ta' taħriġ ma jkunx kost eliġibbli, għandu jiġi rimborżat biss il-kost unitarju 1. Fejn is-salarju tal-impjegat waqt it-taħriġ ikun meqjus bħala kost eliġibbli, jista' jiġi rimborżat l-ammont kombinat mill-kostijiet unitarji 1 u 2.	1. L-għadd ta' sigħat imwettqa ([11]) ta' taħriġ lil persuni impjegati għal kull parteċipant. 2. L-għadd ta' sigħat ta' salarju mħallas lill-impjegati waqt li jkunu fuq kors ta' taħriġ ([12]).	Ara l-punti 3.2.5 u 3.2.6 hawn taħt Għal dawk l-Istati Membri elenkati fil-punt 3.3: — l-ammonti msemmija fil-punt 3.2 għandhom jiġu multiplikati bl-indiċi għall-Programm Operazzjonali reġjonali rilevanti msemmi fil-punt 3.3; — fejn il-programmi operazzjonali jkopru aktar minn reġjun wieħed, l-ammont li għandu jiġi rimborżat għandu jkun skont ir-reġjun li fih jiġu implimentati l-operazzjoni jew il-proġett. Il-metodu użat għall-kalkolu ta' dawn l-ammonti jirrikjedi li fejn dawn l-ammonti jiġu mitluba għal tip ta' operazzjoni taħt Programm Operazzjonali, l-istess ammont jiġi mitlub għat-tipi simili kollha ta' operazzjonijiet taħt l-istess Programm Operazzjonali.

([1]) Dawn il-kostijiet unitarji ma jistgħux jintużaw għal tipi ta' operazzjonijiet li għalihom huma stabbiliti opzjonijiet oħra relatati mal-kostijiet simplifikati f'anness ieħor ta' dan ir-Regolament Delegat

([2]) Kostijiet eliġibbli potenzjali oħra ta' din it-tip ta' operazzjoni, bħall-allowances, it-trasport, l-akkomodazzjoni jew kwalunkwe tip ieħor ta' appoġġ mogħti lill-istudenti li jipparteċipaw f'dawn it-tipi ta' operazzjonijiet, mhumiex koperti mill-kost unitarju.

([3]) Attendenza verifikata tfisser li l-prova tal-attendenza tal-istudent fil-kors ta' edukazzjoni formali jew taħriġ għandha tiġi verifikata mill-awtoritajiet nazzjonali f'żewġ okkażjonijiet jew tlieta matul kull sena akkademika, skont il-prattiki u l-proċeduri normali ta' kull Stat Membru għall-verifika tal-attendenza fl-edukazzjoni jew fit-taħriġ formali.

([4]) Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni: http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/International_Standard_Classification_of_Education_(ISCED)

([5]) It-tabella fil-punt 3.1 tistabbilixxi r-rati għall-Istati Membri kollha ħlief id-Danimarka li għaliha m'hemmx data disponibbli bħalissa. Għall-korsijiet li jdumu mill-anqas sena akkademika shiha, dawn l-ammonti jistgħu jiġu rimborżati lill-Istat Membru fuq il-bażi li ġejja: 50 % għall-ewwel prova ta' attendenza matul is-sena akkademika (normalment fil-bidu tas-sena akkademika, skont ir-regoli u l-prattiki nazzjonali), 30 % għat-tieni prova ta' attendenza u 20 % għat-tielet u l-aħħar prova ta' attendenza. Għal dawk l-Istati Membri li s-sistemi nazzjonali tagħhom jipprovdu li din l-informazzjoni għandha tingħabar darbtejn biss fis-sena, jew għall-korsijiet li jdumu anqas minn sena akkademika shiha, se jkun 50 % għall-ewwel prova ta' attendenza u 50 % għat-tieni u l-aħħar prova ta' attendenza.

([6]) Il-korsijiet ta' taħriġ jistgħu jkunu prinċipalment jew istituzzjonali jew ibbażati fil-post tax-xogħol, iżda jridu jingħataw tal-anqas parzjalment f'kuntest istituzzjonali.

([7]) Kors ta' taħriġ jitqies bħala "mitmum b'suċċess" meta jkun hemm dokument li juri t-tlestija skont ir-regoli jew il-prattiki nazzjonali. Pereżempju, dan jista' jkun ċertifikat maħruġ mill-fornitur tat-taħriġ jew dokument ekwivalenti li jkun aċċettabbli skont ir-regoli jew il-prattiki nazzjonali.

([8]) Il-kundizzjoni tat-tlestija b'suċċess ta' kors ta' taħriġ ma għandhiex titqies li ntlaħqet meta parteċipant itemm b'suċċess biss xi whud mill-moduli fi ħdan kors ta' taħriġ.

(9) Is-servizzi ta' konsulenza relatati mal-impjiegi jistgħu jiġu pprovduti f'sitwazzjoni ta' wieħed ma' wieħed jew bħala parti minn grupp. Dawn jinkludu s-servizzi u l-attivitajiet kollha mwettqa mill-PES, flimkien mas-servizzi pprovduti minn aġenziji pubbliċi oħra jew kwalunkwe korp ieħor ikkuntrattat b'fondi pubbliċi, li jiffaċilitaw l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni qiegħda u ta' persuni oħra jfittxu impjieg jew li jassistu lill-impjegaturi fir-reklutaġġ u l-għażla tal-persunal.
(10) Kif muri permezz ta' sistema ta' ġestjoni tal-ħin verifikabbli.
(11) Kif muri permezz ta' sistema ta' ġestjoni tal-ħin verifikabbli.
(12) Kif muri permezz ta' sistema ta' ġestjoni tal-ħin verifikabbli.

2. **Aġġustament tal-Ammonti.**

Mhux applikabbli

3.1. **Ammonti għal kull parteċipazzjoni f'edukazzjoni formali (f'EUR)** (1)

		AT	BE	BG	CY	CZ	DE	EE	EL	ES	FI*	FR	HU	HR*
Edukazzjoni bikrija tat-tfal	ED0	6 794	mhux applikabbli	1 492	2 078	2 059	6 308	3 023	mhux applikabbli	3 451	8 740	5 495	2 451*	2 198
Żvilupp edukattiv bikri tat-tfal	ED01	6 874	mhux applikabbli	mhux applikabbli	397	mhux applikabbli	10 100	mhux applikabbli	mhux applikabbli	3 075	14 701	mhux applikabbli	2 457	mhux applikabbli
Edukazzjoni preprimarja	ED02	6 778	6 284	1 492	2 544	2 059	6 308	mhux applikabbli	2 976	3 577	7 355	5 495	mhux applikabbli	2 716
Edukazzjoni primarja	ED1	8 851	7 938	963	6 898	2 205	6 476	3 339	3 198	4 035	7 387	5 031	1 772	4 592
Edukazzjoni primarja u edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell (livelli 1 u 2)	ED1_2	10 411	8 579	1 072	7 301	2 804	7 398	3 401	3 371	4 410	8 827	5 905	1 708	2 181
Edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell	ED2	11 981	10 015	1 203	7 860	3 680	8 011	3 538	3 972	5 066	11 756	6 977	1 643	mhux applikabbli
Edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell — ġenerali	ED24	11 981	mhux applikabbli	1 232	8 138	3 687	8 011	3 358	3 728	5 135	11 756	7 026	1 612	mhux applikabbli
Edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell — vokazzjonali	ED25	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	2 240	mhux applikabbli	3 581	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	5 086	mhux applikabbli
Edukazzjoni sekondarja għolja	ED3	11 596	10 328	1 085	8 406	3 414	8 085	3 348	3 578	5 660*	6 980	9 256	2 708	1 995
Edukazzjoni sekondarja għolja u edukazzjoni post-sekondarja mhux terzjarja (livelli 3 u 4)	ED3_4	10 912	10 328	1 089	8 406	3 331	7 193	3 591	3 015	5 660	7 644	9 166	3 024	1 995
Edukazzjoni sekondarja għolja — ġenerali	ED34	9 982	10 033	1 012	7 842	3 065	8 358	3 221	2 997	4 899	7 140	9 033	2 314	mhux applikabbli
Edukazzjoni sekondarja għolja u edukazzjoni post-sekondarja mhux terzjarja – ġenerali (livelli 34 u 44)	ED34_44	9 982	10 033	1 012	7 847	2 844	8 286	3 221	2 997	4 899	7 140	9 029	2 314	mhux applikabbli

(1) Mhux applikabbli tindika li ma hemm ebda data disponibbli għal dak l-Istat Membru partikolari u l-livell ta' edukazzjoni indikat.
Is-sena ta' referenza tal-ġbir tad-data hija l-2016 apparti mill-oqsma mmarkati b'* (inklużi l-oqsma kollha għal FI, HR, IE, NL u UK) — is-sena ta' referenza hija l-2015 għal dawn l-oqsma.

		AT	BE	BG	CY	CZ	DE	EE	EL	ES	FI*	FR	HU	HR*
Edukazzjoni sekondarja għolja — vokazzjonali	ED35	12 699	10 535	1 159	11 057*	3 538	7 808	3 536	5 108	7 318	6 921	9 658	4 011	2 826
Edukazzjoni sekondarja għolja u edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja — vokazzjonali (livelli 35 u 45)	ED35_45	11 477	10 535	1 166	11 057	3 521	6 428	3 978	3 041	7 318	7 921	9 424	3 922	2 826
Edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja	ED4	1 573	mhux applikabbli	2 318	mhux applikabbli	733	3 895	5 035	443	mhux applikabbli	mhux applikabbli	5 829	5 057	mhux applikabbli
Edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja	ED44	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	717	6 670	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	6 667	mhux applikabbli	mhux applikabbli
Edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja — vokazzjonali	ED45	1 573	mhux applikabbli	2 318	mhux applikabbli	829	3 737	5 035	443	mhux applikabbli	mhux applikabbli	5 648	5 057	mhux applikabbli
Edukazzjoni terzjarja ta' ċiklu qasir	ED5	13 152	9 808	mhux applikabbli	682	8 132	6 648	mhux applikabbli	mhux applikabbli	5 061	8 850	8 883	818	mhux applikabbli
Edukazzjoni terzjarja (livelli 5-8)	ED5-8	9 676	7 990	935	3 507	1 986	5 981	4 036	927	3 565	9 235	6 400	1 645	3 258
Edukazzjoni terzjarja, eskluża l-edukazzjoni terzjarja ta' ċiklu qasir (livelli 6-8)	ED6-8	9 027	7 923	3832	3 894	1 970	5 981	4 036	927	3 197	9 235	5 632	1 678*	mhux applikabbli

		IE*	IT	LV	LT	LU	MT	NL*	PL	PT	RO	SI	SK	SE	UK*
Edukazzjoni bikrija tat-tfal	ED0	4 957	3 709	2 622	2 272	17 392	4 138	6 153	1 954	2 689	1 009	3 827*	2 189	13 741*	4 536
Żvilupp tal-edukazzjoni bikrija tat-tfal	ED01	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	2 184	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	1 929	4 733*	mhux applikabbli	15 638*	2 712
Edukazzjoni preprimarja	ED02	4 957	3 709	2 622	2 290	17 392	4 138	6 153	1 954	2 689	977	3 458*	2 189	13 074*	4 863
Edukazzjoni primarja	ED1	6 523	5 428	3 062	2 539	17 433	4 080	6 861	2 491	3 828	701	4 612*	2 733	9 609	8 949
Edukazzjoni primarja u edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell (livelli 1 u 2)	ED1_2	6 767	5 669	3 070	2 426	17 119	5 168	8 070	2 536	4 262	983	4 509	2 625	9 780	8 550
Edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell	ED2	7 467	6 056	3 250	3 086	16 595	7 325	9 831	2 636	5 001	1 326	4 274*	2 522	9 780	7 819
Edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell — ġenerali	ED24	7 467	5 752	3 285	2 298	16 595	7 341	8 523	2 636	mhux applikabbli	1 326	4 274*	2 478	mhux applikabbli	7 713
Edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell — vokazzjonali	ED25	mhux applikabbli	5 762	3 488	2 044	mhux applikabbli	4 946	13 302	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	4 155	mhux applikabbli	8 295
Edukazzjoni sekondarja għolja	ED3	7 621	5 950	3 254	2 309	15 618	4 954	7 581	2 468*	4 475*	1 367	3 354	2 554	10 200	8 162
Edukazzjoni sekondarja għolja u edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja (livelli 3 u 4)	ED3_4	6 394	5 995*	3 271	2 281	15 212	5 001	7 581	2 319	4 475	1 260	3 354	2 570	10 016	8 162
Edukazzjoni sekondarja għolja — ġenerali	ED34	7 621	5 950	3 234	2 347	13 391	4 751	7 892	2 137	mhux applikabbli	3 084	3 923*	2 134	9 245	8 170
Edukazzjoni sekondarja għolja u edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja — ġenerali (livelli 34 u 44)	ED34_44	7 621	mhux applikabbli	3 234	2 347	13 391	4 761	7 892	2 137	mhux applikabbli	3 084	3 923*	2 314	9 131	8 170

		IE*	IT	LV	LT	LU	MT	NL*	PL	PT	RO	SI	SK	SE	UK*
Edukazzjoni sekondarja għolja — vokazzjonali	ED35	mhux applikabbli	mhux applikabbli	3 285	2 208	17 031	6 190	7 422	2 727*	mhux applikabbli	75	3 727*	2 789	11 794*	8 151
Edukazzjoni sekondarja għolja u edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja — vokazzjonali (livelli 35 u 45)	ED35_45	3 760	mhux applikabbli	3 317	2 197	16 315	5 653	7 422	2 441*	mhux applikabbli	152	3 727*	2 798	10 854	8 515
Edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja	ED4	3 760	mhux applikabbli	3 484	2 186	1 417	5 263	5 056	708	mhux applikabbli	475	mhux applikabbli	2 930	5 436*	mhux applikabbli
Edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja	ED44	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	6 178	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	8 954	mhux applikabbli
Edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja — vokazzjonali	ED45	3 760	mhux applikabbli	3 484	2 186	1 417	5 232	5 056	708	mhux applikabbli	475	mhux applikabbli	2 930	4 592	mhux applikabbli
Edukazzjoni terzjarja ta' ċiklu qasir	ED5	mhux applikabbli	2 713	2 978	mhux applikabbli	20 512	6 463	6 358	9 627	mhux applikabbli	mhux applikabbli	1 339*	2 726	6 392	637
Edukazzjoni terzjarja (livelli 5-8)	ED5-8	5 084	2 334	1 741	1 631	26 940	8 994	6 320	2 287	1 948*	1 894	4 638	2 223	10 410	2 471
Edukazzjoni terzjarja, eskluża l-edukazzjoni terzjarja ta' ċiklu qasir (livelli 6-8)	ED6-8	6 562	2 332	1 539	1 631	27 664	9 450	6 320	2 285	1 948*	1 894	4 638*	2 223	10 410	2 471

3.2. **Ammonti għat-taħriġ għall-persuni impjegati u qiegħda, u għas-servizzi ta' impjieg (f'EUR)**

	3.2.1 Ammont għal kull parteċipant li jtemm b'suċċess kors ta' taħriġ	3.2.2 Ir-rata fis-siegħa għall-forniment ta' servizzi ta' impjieg	3.2.3 Ir-rata fix-xahar għall-forniment ta' servizzi ta' impjieg	3.2.4 L-ammont annwali għall-forniment ta' servizzi ta' impjieg	3.2.5 Ir-rata fis-siegħa għat-taħriġ ta' persuni impjegati	3.2.6 Ir-rata fis-siegħa għas-salarju ta' persuni impjegati
L-Awstrija	2 277	39	6 723	80 672	33,98	26,03
Il-Belġju	3 351	42	7 010	84 112	22,97	31,08
Il-Bulgarija	596	3	543	6 511	5,14	1,76
Ċipru	2 696	29	5 467	65 604	18,85	10,94
Iċ-Ċekja	521	11	1 988	23 864	9,29	7,39
Il-Ġermanja	6 959	42	7 582	90 992	36,03	23,11
Id-Danimarka	5 803	55	9 496	113 956	39,67	32,02
L-Estonja	711	14	2 498	29 968	14,03	8,22
Il-Greċja	2 064	21	3 685	44 222	17,72	11,56
Spanja	2 772	20	3 508	42 095	17,58	18,30
Il-Finlandja	5 885	45	7 683	92 204	38,39	27,69

	3.2.1 Ammont għal kull parteċipant li jtemm b'suċċess kors ta' taħriġ	3.2.2 Ir-rata fis-sieħa għall-forniment ta' servizzi ta' impjieg	3.2.3 Ir-rata fix-xahar għall-forniment ta' servizzi ta' impjieg	3.2.4 L-ammont annwali għall-forniment ta' servizzi ta' impjieg	3.2.5 Ir-rata fis-sieħa għat-taħriġ ta' persuni impjegati	3.2.6 Ir-rata fis-sieħa għas-salarju ta' persuni impjegati
Franza	6 274	48	7 297	87 556	35,99	25,26
Il-Kroazja	689	10	1 620	19 440	10,52	5,90
L-Ungerija	1818	10	1 816	21 790	15,67	5,02
L-Irlanda	11 119	36	6 411	76 920	31,79	27,20
L-Italja	3 676	31	5 438	65 247	27,42	22,20
Il-Litwanja	1 359	8	1 574	18 878	7,43	3,71
Il-Lussemburgu	19 302	34	5 908	70 890	29,87	23,30
Il-Latvja	756	8	1 385	16 607	7,94	7,21
Malta	2 256	13	2 184	26 212	16,49	8,41
In-Netherlands	5 018	36	6 474	77 680	32,01	23,33
Il-Polonja	594	6	1 051	12 611	11,21	4,47
Il-Portugall	994	21	3 648	43 784	8,33	10,63
Ir-Rumanija	583	8	1 555	18 656	0,27	2,56
L-Iżvezja	7 303	48	8 369	100 430	58,02	32,67
Is-Slovenja	854	22	4 015	48 185	18,90	7,61
Is-Slovakkja	424	7	1 117	13 411	11,13	12,52
Ir-Renju Unit	5 863	25	4 690	56 286	36,07	15,16

3.3. **Indiċi li għandu jiġi applikat għall-ammonti għall-programmi tal-operazzjonijiet reġjonali ddikjarati**

Il-Belġju	1,00		**Franza**	1,00
Brussell Kapitali	1,26		Île de France	1,32
Il-Fjandri	0,97		Champagne-Ardenne	0,88
Il-Wallonja	0,91		Picardie	0,91
			Haute-Normandie	0,96

Il-Ġermanja	1,00		Ċentru	0,89
Baden-Württemberg	1,08		Basse-Normandie	0,86
Bayern	1,05		Bourgogne	0,87
Berlin	0,98		Nord — Pas-de-Calais	0,95
Brandenburg	0,82		Lorraine	0,90
Bremen	1,06		Alsace	0,97
Hamburg	1,21		Franche-Comté	0,89
Hessen	1,12		Pays de la Loire	0,90
Mecklenburg-Vorpommern	0,79		Bretagne	0,86
Niedersachsen	0,93		Poitou-Charentes	0,83
Nordrhein-Westfalen	1,02		Aquitaine	0,87
Rheinland-Pfalz	0,96		Midi-Pyrénées	0,91
Saarland	0,98		Limousin	0,84
Sachsen	0,81		Rhône-Alpes	0,97
Sachsen-Anhalt	0,82		Auvergne	0,86
Schleswig-Holstein	0,87		Languedoc-Roussillon	0,84
Thüringen	0,82		Provence-Alpes-Côte d'Azur	0,93
			Corse	0,93
Il-Greċja	1,00		Guadeloupe	1,01
Anatoliki Makedonia, Thraki	0,81		Martinique	0,90
Kentriki Makedonia	0,88		Guyane	0,99
Dytiki Makedonia	1,12		La Réunion	0,83
Ipeiros	0,79		Mayotte	0,64
Thessalia	0,83			
Ionia Nisia	0,82		**L-Italja**	1,00
Dytiki Ellada	0,81		Piemonte	1,04
Sterea Ellada	0,90		Valle d'Aosta	1,00
Peloponnisos	0,79		Liguria	1,01

Attiki	1,23		Lombardia	1,16
Voreio Aigaio	0,90		Provincia Autonoma di Bolzano/ Bozen	1,15
Notio Aigaio	0,97		Provincia Autonoma di Trento	1,04
Kriti	0,83		Veneto	1,03
			Friuli-Venezia Giulia	1,08
Spanja	1,00		Emilia-Romagna	1,06
Galicia	0,88		Toscana	0,95
Principado de Asturias	0,98		Umbria	0,87
Cantabria	0,96		Marche	0,90
País Vasco	1,17		Lazio	1,07
Comunidad Foral de Navarra	1,07		Abruzzo	0,89
La Rioja	0,92		Molise	0,82
Aragón	0,98		Campania	0,84
Comunidad de Madrid	1,18		Puglia	0,82
Castilla y León	0,91		Basilicata	0,86
Castilla-la Mancha	0,88		Calabria	0,75
Extremadura	0,84		Sicilia	0,86
Cataluña	1,09		Sardegna	0,84
Comunidad Valenciana	0,91			
Illes Balears	0,96		**Il-Portugall**	1,00
Andalucía	0,87		Norte	0,86
Región de Murcia	0,84		Algarve	0,87
Ciudad Autónoma de Ceuta	1,07		Centro	0,84
Ciudad Autónoma de Melilla	1,04		Área Metropolitana de Lisboa	1,33
Canarias	0,91		Alentejo	0,91
			Região Autónoma dos Açores	0,91

Il-Polonja	1,00		Região Autónoma da Madeira	0,95
Lódzkie	0,75			
Mazowieckie	1,26		**Ir-Renju Unit**	1,00
Malopolskie	1,05		L-Ingilterra	1,01
Slaskie	1,19		Wales	0,83
Lubelskie	0,60		L-Iskozja	0,99
Podkarpackie	0,81		L-Irlanda ta' Fuq	0,83”
Swietokrzyskie	0,63			
Podlaskie	0,73			
Wielkopolskie	1,16			
Zachodniopomorskie	1,06			
Lubuskie	0,88			
Dolnoslaskie	1,22			
Kujawsko-Pomorskie	0,91			
Warminsko-Mazurskie	0,83			
Pomorskie	0,78”			

ANNESS IX

"ANNESS XV

Kundizzjonijiet għar-rimborż tan-nefqa abbażi ta' tabelli standard ta' kostijiet unitarji lil Ċipru

1. **Definizzjoni ta' tabelli standard ta' kostijiet unitarji**

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-kostijiet	Unità ta' kejl għall-indikaturi	Ammonti (f'EUR)	
1. "Azzjonijiet ta' Inklużjoni Soċjali u fl-Iskejjel" taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali għall-Impjiegi, ir-Riżorsi Umani u l-Koeżjoni Soċjali (CCI 2014CY05M9OP001).	1) Ir-rata għal perjodu wieħed ta' 45 minuta għall-għalliema impjegati b'kuntratt. 2) Ir-rata ta' kuljum għall-għalliema permanenti u temporanji.	Il-kostijiet kollha eliġibbli, inklużi l-kostijiet diretti tal-persunal.	1) L-għadd ta' sigħat maħduma. 2) L-għadd ta' jiem maħduma.	1) 21 għal kull perjodu ta' 45 minuta 2) 300 għal kull jum	
2. "L-Istabbiliment u l-Funzjonament ta' AMMINISTRAZZJONI Ċentrali ta' Servizz tal-Benefiċċji Soċjali" taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali għall-Impjiegi, ir-Riżorsi Umani u l-Koeżjoni Soċjali (CCI 2014CY05M9OP001).	Ir-rata fix-xahar għall-impjegati tal-gvern permanenti u temporanji.	Il-kostijiet kollha eliġibbli, inklużi l-kostijiet diretti tal-persunal.	L-għadd ta' xhur maħduma differenzjati skont l-iskala tas-salarji.	**Skali tas-salarji**	
				A1	1 794
				A2	1 857
				A3	2 007
				A4	2 154
				A5	2 606
				A6	3 037
				A7	3 404
				A8	3 733
				A9	4 365
				A10	4 912
				A11	5 823
				A12	6 475
				A13	7 120

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-kostijiet	Unità ta' kejl għall-indikaturi	Ammonti (f'EUR)
3. Valutazzjonijiet tad-diżabbiltà u tal-funzjonalità taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali għall-Impjiegi, ir-Riżorsi Umani u l-Koeżjoni Soċjali (CCI 2014CY05M9OP001).	1) Forniment ta' valutazzjoni tad-diżabbiltà. 2) Forniment ta' valutazzjoni tad-diżabbiltà u tal-funzjonalità.	Il-kategoriji kollha tal-kostijiet eliġibbli.	L-għadd ta' valutazzjonijiet imwettqa.	1) Valutazzjoni tad-diżabbiltà:190 2) Valutazzjoni tad-diżabbiltà u tal-funzjonalità: 303
4. Riforma tas-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali taħt l-Assi Prijoritarju 3 tal-Programm Operazzjonali għall-Impjiegi, ir-Riżorsi Umani u l-Koeżjoni Soċjali (CCI 2014CY05M9OP001).	1. Jum wieħed ta' ħidma minn għalliem 2. Xahar wieħed ta' ħidma minn għalliem 3. Siegħa waħda ta' ħidma minn għalliem impjegat b'kuntratt 4. Siegħa waħda ta' ħidma minn assistent tal-laboratorju impjegat b'kuntratt 5. Minuta waħda ta' ħidma minn psikologu impjegat b'kuntratt	Il-kategoriji kollha tal-kostijiet eliġibbli	1. L-għadd ta' jiem ta' ħidma minn għalliem, differenzjati skont l-iskala tas-salarji 2. L-għadd ta' xhur ta' ħidma minn għalliem 3. L-għadd ta' siegħat ta' tagħlim (45min) ta' ħidma minn għalliem impjegat b'kuntratt 4. L-għadd ta' siegħat ta' tagħlim (45min) ta' ħidma minn assistent tal-laboratorju impjegat b'kuntratt 5. L-għadd ta' minuti ta' ħidma minn psikologu impjegat b'kuntratt	1) **A8** 277 **A9** 330 **A10** 371 **A11** 440 **A12** 488 2) **A8** 4 554 **A9** 5 404 **A10** 6 082 **A11** 7 210 **A12** 8 005 **A13** 8 791 3) 34 4) 21 5) 0,63

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-kostijiet	Unità ta' kejl għall-indikaturi	Ammonti (f'EUR)		
5. Titjib tar-riżorsi umani permezz tal-evalwazzjoni tal-għarfien, il-ħila u l-abbiltà tal-kandidati abbażi tas-Sistema ta' Kwalifika Vokazzjonali (SVQ) taħt l-Assi Prijoritarju 4 — Żvilupp tal-Ħiliet tal-forza tax-xogħol u titjib tal-effiċjenza tal-Amministrazzjoni Pubblika tal-Programm Operazzjonali għall-Impjiegi, ir-Riżorsi Umani u l-Koeżjoni Soċjali (CCI 2014CY05-M9OP001).	1) Xahar wieħed ta' ħidma minn persunal permanenti assenjat fuq il-proġett bi proporzjon ta' ħin fiss 2) sieġħa waħda ta' ħidma minn persunal permanenti assenjat fuq il-proġett bi proporzjon ta' ħin varjabbli 3) sieġħa waħda ta' ħidma minn assessur impjegat b'kuntratt 4) jum wieħed ta' ħidma minn persunal finanzjarju u tekniku intern impjegat b'kuntratt 5) jum wieħed ta' ħidma minn persunal segretarjali intern impjegat b'kuntratt	Il-kategoriji kollha tal-kostijiet eliġibbli	1) L-għadd ta' xhur maħduma minn persunal permanenti assenjat fuq il-proġett skont l-iskala tas-salarju rispettiva tagħhom. 2) L-għadd ta' sigħat maħduma minn persunal permanenti fuq il-proġett bi proporzjon ta' ħin varjabbli 3) L-għadd ta' sigħat maħduma minn assessuri b'kuntratt 4) L-għadd ta' jiem maħduma minn persunal finanzjarju u tekniku intern impjegat b'kuntratt 5) L-għadd ta' jiem maħduma minn persunal segretarjali intern impjegat b'kuntratt	Skala tas-salarji	Kost Unitarju għall-ħidma bejn is-snin 2016-2018	Kost unitarju għall-ħidma mill-1/1/2019
				1. Persunal permanenti bi proporzjon ta' ħin fiss		
				A8	5 550,33	5 309,77
				A8 ġdid*	/	4 908,95
				A10	7 246,38	6 944,83
				A11	8 615,51	8 264,77
				A13		10 220,30
				2. Persunal permanenti bi proporzjon ta' ħin varjabbli		
				A8	38,72	37,04
				3. Assessur b'kuntratt		
					56	56
				4) Persunal finanzjarju u tekniku impjegat b'kuntratt		
					98	98
				5) Persunal segretarjali		
					63	63

([1]) [74] Ġdid = persunal ġdid b'kuntratt iffirmat mill-01/01/2019

2. **Aġġustament tal-ammonti**

L-ammonti għall-kostijiet unitarji 5 jistgħu jiġu aġġustati f'konformità mal-inflazzjoni."

ANNESS X

"ANNESS XVII

Kundizzjonijiet għar-rimborż tan-nefqa abbażi ta' tabelli standard ta' kostijiet unitarji u somom f'daqqa lill-Irlanda

1. **Definizzjoni ta' tabelli standard ta' kostijiet unitarji**

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur ([1])	Kategorija tal-kostijiet	Unità ta' kejl għall-indikaturi	Ammonti (f'EUR)
1. Taħriġ għall-persuni qiegħda pprovdut mill-Bordijiet tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ (ETB) taħt l-Assi Prijoritarju 1 tal-Programm Operazzjonali għall-Impjegabbiltà, l-Inklużjoni u t-Tagħlim (2014IE05M9OP001).	Riżultat ta' suċċess irreġistrat għal parteċipant fil-programm "Bridging".	Il-kostijiet kollha eliġibbli tal-operazzjoni.	L-għadd ta' sigħat imwettqa għal kull parteċipant.	1 316
2. Taħriġ għall-persuni qiegħda pprovdut mill-Bordijiet tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ (ETB) taħt l-Assi Prijoritarju 1 tal-Programm Operazzjonali għall-Impjegabbiltà, l-Inklużjoni u t-Tagħlim (2014IE05M9OP001).	Riżultat ta' suċċess irreġistrat għal parteċipant fil-programm "Taħriġ f'Ħiliet Speċifiċi".	Il-kostijiet kollha eliġibbli tal-operazzjoni.	L-għadd ta' riżultati ta' suċċess.	1 631
3. Taħriġ għall-persuni qiegħda pprovdut mill-Bordijiet tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ (ETB) taħt l-Assi Prijoritarji 1 u 4 tal-Programm Operazzjonali għall-Impjegabbiltà, l-Inklużjoni u t-Tagħlim (2014IE05M9OP001).	Riżultat ta' suċċess irreġistrat għal parteċipant fil-programm "Traineeship".	Il-kostijiet kollha eliġibbli tal-operazzjoni.	L-għadd ta' riżultati ta' suċċess.	1 513
4. Taħriġ għall-persuni qiegħda pprovdut mill-Bordijiet tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ (ETB) taħt l-Assi Prijoritarji 1 u 4 tal-Programm Operazzjonali għall-Impjegabbiltà, l-Inklużjoni u t-Tagħlim (2014IE05M9OP001).	Riżultat ta' suċċess irreġistrat għal parteċipant fil-programm "Ċentru ta' Taħriġ tal-Komunità".	Il-kostijiet kollha eliġibbli tal-operazzjoni.	L-għadd ta' riżultati ta' suċċess.	4 718

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur (1)	Kategorija tal-kostijiet	Unità ta' kejl għall-indikaturi	Ammonti (f'EUR)
5. Taħriġ għall-persuni qiegħda pprovdut mill-Bordijiet tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ (ETB) taħt l-Assi Prijoritarji 1 u 4 tal-Programm Operazzjonali għall-Impjegabbiltà, l-Inklużjoni u t-Tagħlim (2014IE05M9OP001).	Riżultat ta' suċċess irreġistrat għal parteċipant fil-programm "Inizjattivi ta' Taħriġ Lokali".	Il-kostijiet kollha eliġibbli tal-operazzjoni.	L-għadd ta' riżultati ta' suċċess.	1 658
6. Appoġġ għall-inklużjoni soċjali mill-ħaddiema tas-SICAP (2) lil dawk f'riskju akbar ta' esklużjoni soċjali taħt l-Assi Prijoritarju 2.1 — Promozzjoni tal-Inklużjoni Soċjali u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-Programm Operazzjonali għall-Impjegabbiltà, l-Inklużjoni u t-Tagħlim (2014IE05M9OP001).	Ir-rata annwali għal kull ħaddiem tas-SICAP ekwivalenti għall-full time (FTE).	Il-kostijiet kollha eliġibbli tal-operazzjoni.	L-għadd ta' ħaddiema tas-SICAP (FTE) kull sena.	70 262

(1) Għal kull isem ta' indikatur hawn taħt, riżultat ta' suċċess jirreferi għal parteċipant li jikseb il-kriterji ta' valutazzjoni meħtieġa stabbiliti mill-Bordijiet tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ bir-riżultat ikun approvat mill-Bord għall-Approvazzjoni tar-Riżultati u rreġistrat fuq l-"F-12-Formola-ta'-Approvazzjoni tar-Riżultati-u-l-Iskeda-ta'-Valutazzjoni-Sommarju-tal-Kors" u rreġistrat ukoll b'mod elettroniku fuq is-Sistema ta' Talba għaċ-Ċertifikazzjoni u l-Qbid tar-Riżultati (RCCRS).

(2) SICAP — Social Inclusion and Community Activation Programme (Programm dwar l-Inklużjoni Soċjali u l-Attivazzjoni tal-Komunità (https://www.pobal.ie/programmes/social-inclusion-and-community-activation-programme-sicap-2018-2022/)

2. **Aġġustament tal-ammonti**

L-ammonti għat-tip ta' operazzjoni 6 jistgħu jiżdiedu fuq bażi annwali f'konformità maċ-ċaqliq fl-Indiċi tal-Prezzijiet għall-Konsumatur Irlandiż.

3. **Somom f'daqqa**

Tipta' operazzjonijiet	**Isem l-indikatur**	**Kategorija tal-kostijiet**	**Unità ta' kejl għall-indikatur**	**Ammonti (f'EUR)**
Assistenza teknika Assi Prijoritarju 5 Programm Operazzjonali għall-Impjegabbiltà, l-Inklużjoni u t-Tagħlim 2014-2020 PEIL CCI:2014IE05M9OP001	In-nefqa totali ġdida inkluża f'talba għall-ħlas. (jiġifieri n-nefqa eliġibbli totali inkluża f'talba għall-ħlas li tkun għadha ma ġietx ikkunsidrata għall-kalkolu ta' ħlas parzjali ta' EUR 100 000).	Il-kostijiet kollha eliġibbli.	Pagamenti ta' EUR 100 000 ta' nefqa totali ġdida inkluża fl-applikazzjoni għall-ħlas sottomessa lill-Kummissjoni Ewropea sakemm jintlaħaq l-ammont massimu tal-baġit skont l-Assi Prijoritarju dwar l-Assistenza Teknika	2323,03"

ANNESS XI

"ANNESS XXI

Kundizzjonijiet għar-rimborż tan-nefqa abbażi ta' tabelli standard ta' kostijiet unitarji lill-Portugall

1. **Definizzjoni ta' tabelli standard ta' kostijiet unitarji**

Tip ta' operazzjonijiet	Isem l-indikatur	Kategorija tal-kostijiet	Unità ta' kejl għall-indikaturi	Ammonti (f'EUR)
Kwalunkwe operazzjoni li tirrigwarda l-forniment ta' taħriġ mhux formali lil persuni impjegati fis-settur pubbliku bil-għan li jiksbu għarfien u/jew jitgħallmu ħiliet ġodda fil-kuntest tar-riorganizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi taħt il-programmi operazzjonali li ġejjin: — 2014PT16M3OP001 (Compete 2020): 5 — It-tisħiħ fil-kapaċitajiet istituzzjonali tal-awtoritajiet pubbliċi u l-partijiet interessati u l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika — 2014PT16M2OP001 (Norte 2020): assi prijoritarju 9 — Tisħiħ tal-Kapaċitajiet Istituzzjonali u ICT — 2014PT16M2OP002 (Centro 2020): assi prijoritarju 8 — Tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali tal-entitajiet reġjonali — 2014PT16M2OP003 (Alentejo 2020): assi prijoritarju 9 — Tisħiħ tal-Kapaċitajiet Istituzzjonali u Modernizzazzjoni Amministrattiva — 2014PT16M2OP007 (Cresc Algarve): assi prijoritarju 8 — Modernizzazzjoni u għoti tas-setgħa lill-Amministrazzjoni	(1) Ir-rata fis-siegħa għat-taħriġ mogħti lil persuni impjegati fis-settur pubbliku. (2) Ir-rata fis-siegħa għas-salarji mħallsa lil persuni impjegati fis-settur pubbliku waqt li jkunu qed jagħmlu kors ta' taħriġ.	Il-kostijiet kollha eliġibbli tal-operazzjoni. Fejn is-salarju tal-persuna mħarrġa waqt li tkun qiegħda tattendi għal kors ta' taħriġ ma jkunx kost eliġibbli, għandha tiġi rimborżata biss ir-rata fis-siegħa għat-taħriġ. Fejn is-salarju tal-persuna mħarrġa jkun element ta' kost eliġibbli għal din l-operazzjoni, jistgħu jiġu rimborżati ż-żewġ ammonti.	L-għadd ta' sigħat imwettqa ta' taħriġ ipprovdut lil persuni impjegati fis-settur pubbliku għal kull parteċipant.	(1) 7,12 — ir-rata fis-siegħa għat-taħriġ (2) 7,50 — ir-rata fis-siegħa li tkopri s-salarju tal-persuna li tattendi għat-taħriġ.

2. **Aġġustament tal-ammonti**

Il-kost unitarju 1 jista' jiġi aġġustat f'konformità mad-*data* ġdida dwar l-ammonti minfuqa fuq it-taħriġ kif irrappurtata fl-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni Vokazzjonali Kontinwa ppubblikat mill-Eurostat (linja bażi: 2015)."